NEWSPAPER POST

Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992

NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 114** **April - Ġunju 2024**



## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

## *KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI*

**SER TINŻAMM IL-ĠIMGĦA 12 T'APRIL 2024**
**FL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL, B'KARA**
**FIL-9:00 ta' filgħodu**

**L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU**
**Min jixtieq jattendi jista' jibbukkja billi jibgħat *e-mail* fuq maltakna@gmail.com**
**jew iċempel**
**fuq 21 243 860 biex jikkonferma l-attendenza tiegħu.**



# AWGURI

Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifirħu u jawguraw aktar suċċess fil-ħidma **lill-Onorevoli, Dr. Jo Etienne Abela, MD, MPhil, MRCS, FRCS, FEBS, MP,** għall-ħatra l-ġdida tiegħu bħala **Ministru Għas-Saħħa u Anzjanità Attiva.**

F'din l-okkażjoni nagħtu inpenn ta' kooperazzjoni sħiħa favur l-anzjani



# MERĦBA

Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifirħu u jawguraw lill-Onorevoli, **Dr. Malcolm Paul Agius Galea, MD, MP,** għall-kariga ġdida tiegħu bħala **Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva.**

Malcolm Paul Agius Galea twieled fit-12 t'Awissu 1982, iben Paul u Theresa. Huwa attenda l-iskola primarja tan-Naxxar u aktar tard il-Kulleġġ San Alwiġi, fejn qatta' s-sekondarja u Sixth Form.

Huwa studja l-mediċina u l-kirurġija ġewwa l-Università ta' Malta bejn is-sena 2000 u 2005. Ħadem St Luke's u Karen Grech Hospitals, kif ukoll Mater Dei, fejn kien parti mit-team ta' l-Emerġenza fiż-żmien li fih saret il-mixja minn sptar għall-ieħor fis-sena 2007.

Huwa speċjalizza bħala tabib tal-familja, u fl-2010, kiseb ukoll Masters in Family Medicine. Bħala tabib tal-familja huwa ħadem fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid għal diversi snin, u mis-sena 2012, kompla jaħdem fis-settur privat, primarjament ġewwa Ħaż-Żebbuġ u l-madwar.

Malcolm ikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ġewwa Ħaż-Żebbuġ fl-2019, fejn ġie elett sindku. Ikkontesta għall-ewwel darba l-elezzjoni ġenerali tal-2022, fuq is-6 u s-7 distrett. Wara li ġie elett, inħatar Chairman tal-Kumitat Parlamentari tas-Saħħa.

Fl-2024, huwa nħatar Segretarju Parlamentari tal-Anzjanita Attiva fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa.

**F'din l-okkażjoni ta' ferħ, bħala Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani nofru il-kooperazzjoni sħiħa tagħna u nħarsu l-quddiem għall-aktar ħidma favur l-anzjani.**

# Laqgħa ta' Merħba u tkomplija ta' Ħidma mall-Onorevoli Dr. Malcolm Paul Agius Galea, MD, MP, Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva.

L-Erbgħa, 21 ta' Frar 2024, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kellu l-unur li jkollu l-ewwel Laqgħa mall-Onor. Dr. Malcolm Paul Agius Galea, MD, MP, Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva. Kienet laqgħa kordjali ħafna fejn l-Agenda kienet vasta. Irnexilna li nolqtu ħafna mill punti li ġew diskussi waqt il-laqgħa u li issa rridu naħdmu id f'id flimkien biex jiġu mwettqa l-quddiem. U dan kollu dejjem għal ġid tal-Anzjani.



**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion
u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ajruplan tal-passiġġieri, *Airbus A380*, b'iktar minn ħames mitt passiġġier fuqu, kien qed jaqsam l-Atlantiku, fi trieqtu minn Londra għal *New York*. Kien qed itir b'veloċità konsistenti ta' tmien mitt kilometru fis-siegħa, f'għoli ta' tletin elf pied meta, f'daqqa waħda, maġenbu, jitfaċċa *Eurofighter* li kapaċi jiġri darbtejn iktar mill-veloċità tal-ħoss, jiġifieri, iktar minn elfejn kilometru fis-siegħa.

Il-pilota tal-*Eurofighter*, li kien għadu żagħżugħ, naqqas mill-veloċità li kien miexi biha, beda jtir maġenb l-*Airbus* u, fuq ir-radju, nibex lill-kaptan anzjan tal-*Airbus* billi qallu: "X'monotonija ssuq *Airbus*, hux? Ara jien x'ser nagħmel!" Kif qal hekk, qaleb il-*jet* ta' taħt fuq, żied il-veloċita, qabeż dik li biha jiġri l-ħoss, għola 'l fuq f'daqqa sa ma bilkemm baqa' jidher imbagħad niżel jiġri forma ta' ċirku kważi sal-livell tal-baħar, reġa' ġie maġenb il-kaptan tal-*Airbus* u staqsieh: "X'jidhirlek, eh?"

Il-kaptan qallu: "Impressjonanti kieku imma issa ara x'ser nagħmel jien!"

Iż-żgħażugħ beda jipprova jara x'ser jagħmel l-*Airbus* imma ma ġara xejn. Baqa' jtir dritt bl-istess veloċitá u fl-istess għoli. Wara xi kwarta, il-kaptan tal-*Airbus* qallu: "Issa x'jidhirlek minn din?"

Imħawwad, iż-żagħżugħ qallu: "Ma nafx! Int x'għamilt?"

Il-kaptan daħaq u wieġbu: "Jien qomt, mattart saqajja, għax jagħmilli tajjeb għaċ-ċirkulazzjoni, imxejt sat-tarf l-ieħor tal-ajruplan, tkellimt mal-passiġġieri, użajt il-*washroom*, ġejt lura, waqaft nitkellem mal-*hostesses* u l-i*stewards*, ħadt kafè u *donut* taċ-ċikkulata u, sadattant, l-ajruplan baqa' jtir waħdu xorta waħda."

Meta tkun għadek żgħir u moħħ ir-riħ, l-għaġġla, in-nuqqas ta' paċenzja u l-adrenalina żejda huma l-ordni tal-ġurnata. Imma, iktar ma tikber u ssir iktar għaref, tirrealizza li l-kumditá, il-kwiet u s-serħan tal-moħħ huma iktar importanti fil-ħajja. Bl-Ingliż, din isibuha bħala, *S.O.S.* jiġifieri, *Slower, Older, Smarter*. Dan il-parir qed ngħaddih lil sħabi l-anzjani kollha. Issa ż-żmien li nnaqqsu ftit mill-pass mgħaġġel li konna mdorrijin bih qabel u ngawdu dak li baqa' mill-vjaġġ.

Fuq l-istess tema, ajruplan tal-passiġġieri kien qed itir f'għoli ta' madwar ħamsa u erbgħin elf pied. F'daqqa waħda, żviluppatlu ħsara u l-magni bdew jintfew waħda wara l-oħra. Il-kaptan fetaħ il-*hatchdoors* kollha, kellem lill-passiġġieri, spjegalhom x'qed jiġri u qalilhom biex jaqbdu *parachute* kull wieħed, jilbsuh u jaqbżu għal isfel. Meta kważi kien qabeż kulħadd, kien għad baqa' biss il-kaptan, żagħżugħ moħħ ir-riħ u tifel tal-iskola. Imma *parachutes* kien għad fadal tnejn biss. Iż-żagħżugħ ġie jaqa' jqum minn kollox u minn kulħadd, ħataf wieħed, libsu u qabeż għal isfel.

Meta ra hekk, il-kaptan dar fuq it-tifel u qallu: "Ħa ngħidlek x'nagħmlu ibni! Jien għandi disgħa u ħamsin sena u, tista' tgħid, ħajti għexta diġà. Int għadek żgħir u għad għandek ħajtek kollha quddiemek. Ħudu int il-*parachute* li fadal. Jien ser nibqa' fuq l-ajruplan u nipprova nniżżlu mill-aħjar li nista'."

U t-tifel qallu: "Nirringrazzjak imma m'hemmx għalfejn! Nistgħu nsalvaw it-tnejn għax, bit-tferfix u l-egoiżmu tiegħu, dak il-guvni qabeż għal isfel bil-*haversack* tiegħi, tal-iskola!"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Kif Jissarrfu l-Bolol li Ħallasna

***Miktuba minn Emanuel Deguara***



Wara li kelli x-xorti li nikteb l-ewwel artikolu tiegħi fil-ħarġa ta' qabel, ninsab onorat li qed nerġa nikkomunika magħkom permezz ta' dan il-magażin tagħna l-Anzjani.

Fl-ewwel artikolu tkellimna inġenerali dwar ħsibijiet fuq l-anzjani u pensjonanti. Illum ser immorru ftit fit-teknika dwar kif tinħadem għall-ewwel darba il-pensjoni tagħna meta ngħalqu l-età.

Niffukaw, għalissa, dwar kif jintużaw il-bolol (kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) li nkunu ħallasna matul ħajjitna u ser nagħmel dan bl-iżjed mod sempliċi biex jifhem kulħadd. F'artikoli sussegwenti nkomli nispjega parti oħra tal-proċess ta' kif toħroġ ir-rata tal-pensjoni tagħna.

Nibdew l-ewwel billi nwieġbu mistoqsijiet 'statutorji' biex ikun assigurat li skont il-liġi l-applikant huwa eliġibbli biex jitlob il-pensjoni kontributorja, u huwa importanti li r-risposti għad-domandi jkunu kollha fl-affermattiv(iva). Dawn huma id-domandi Statutorji:

- Il-persuna ħallset mill-anqas 156 bolla (3 snin bolol)?
- Il-persuna laħqet l-età tal-pensjoni skont il-liġi?
- Il-persuna rtirat minn xogħol bi qliegħ?
- Il-persuna kienet impjegata għal minn tal-anqas 10 snin?
- Il-persuna qed tirtira wara l-21 ta' Jannar 1979?
- Il-persuna ħallset bolol wara il-21 ta' Jannar 1979?

Jekk ir-risposti għal dawn id-domandi ikunu kollha fl-affermattiv, nibdew biex nagħmlu l-kalkolu tal-bolol li permezz tiegħu wieħed jiddetermina jekk il-pensjonant jikkwalifikax għal-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli jew għall-proporzjon ta' żewġ terzi jekk kemm-il darba jkollu xi bolol mhux imħallsa.

Il-kalkolu jikkonsisti billi jsiru żewġ 'averages' u 'average' taż-żewġ 'averages' li jirriżulta fl-'average' finali. Biex wieħed ikun intitolat għal pensjoni ta' żewġ terzi sħiħa l-'average' irid ikun il-fuq minn 50.

l-ewwel jittieħdu l-bolol kollha tal-aħħar għaxar(10) snin sħaħ ta' qabel id-data tal-pensjoni u jiddiviedu ruħhom b'għaxra. Mela, jekk eżempju, persuna ser tkun qed tirtira fi Frar 2023, jittieħdu l-bolol mill- ewwel ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2022 (għaxar snin sħaħ biss, u ma jitteħdux il-bolol tas-sena 2023). Jekk nassumu li l-pensjonant ikun dejjem ħallas il-bolol dovuti r-riżultat ser ikun 522/10 = 52.2.

It-tieni 'average' isir billi jittieħdu l-bolol tal-aħjar 25 sena (is-snin fejn l-iżjed li tkun tħallset bolla), mill-età' ta' tmintax/dsatax-il sena sa qabel l-aħħar għaxar snin (sas-sena 2012 fl-eżempju li qegħdin nużaw). Jekk inkomplu bl-eżempju ta' pensjonant li dejjem ħadem, minn mindu kellu tmintax il-sena, l-aħjar ħamsa u għoxrin sena bolol ikunu 1305 li meta tiddividihom b'ħamsa u għoxrin jiġu 52.2.

Mela: l-'average' taż-żewġt 'averages' jiġi (52.2 + 52.2)/2 = 52.2. La darba r-riżultat huwa ta' iżjed minn 50 il-pensjonant ikun intitolat għal pensjoni ta' żewġ terzi sħiħa, li jfisser 2/3(0.66666) immultiplikat bid-dħul pensjonabbli. Jekk kemm-il darba l-pensjonant, għal xi raġuni jew oħra, ma jirriżultax li l-'average' tiegħu jkun ta' iżjed minn 50, ikun intitolat għal pensjoni ta' żewġ terzi ridotta, eż.: jekk l-'average' tiegħu jiġi 48, huwa jkun intitolat għal 48/50 ta' żewġ terzi mmultiplikat bid-dħul pensjonabbli tiegħu: (48/50) x (2/3) = 0.64. L-inqas rata li tista' tirriżulta hija dik ta' 15, li tiġi: (15/50) x 2/3 = 0.2. Jekk l-'average' taż-żewġ 'averages' ikun inqas minn 15 l-applikant ma jkunx intitolat għal pensjoni kontributorja.

Naf li għandkom ħafna domandi li tixtiequ tistaqsu u ser inwieġeb għal waħda mid-domandi l-iżjed komuni. Jekk persuna tkun ħadmet u ħallset 6 snin bolol u waqfet taħdem, u ma ħadmitx iżjed għaliex kellha żewġt itfal, la darba ser tieħu 4 snin krediti talli rabbiet żewġt itfal u allura b'kollox jiġu 10 snin bolol u krediti, ma tkunx intitolata għal pensjoni? Ir-risposta hija fin-negattiv, għaliex hija ma tkunx għaddiet mit-test tal-mistoqsijiet statutorji meta ġiet mistoqsija jekk ħadmitx u ħallset bolol għal 10 snin.

Illum spjegajt kif tinħadem pensjoni għal dawk li twieldu sas-sena 1961, il-quddiem nitkellmu dwar kif tinħadem il-pensjoni ta' dawk li twieldu mis-sena 1962 u wara. Imma qabelxejn fil-ħarġa li jmiss, jekk Alla jrid, nitkellmu kif jinħadem id-dħul pensjonabbli ta' dawk li twieldu sas-sena 1961.



# Il-miżuri fil-pensjoni għal dawk li twieldu qabel l-1962

**01/02/2024 | Aħbar Riċenti**

**L-ewwel miżura** – din hija li minn din is-sena ’l quddiem huwa garantit li KULL pensjonant twieled meta twieled se jkun qed jiżdied l-istess meta tingħata ż-żieda ġenerali fil-*’udget*. B’hekk tneħħiet anomalija li kienet se tibda tolqot lill-pensjonanti minn dis-sena ‘l quddiem. Ma setgħetx tolqot qabel għax dawk li twieldu fl-1962 jew wara kienu għadhom mhux bil-pensjoni.

**It-tieni miżura** – din tikkonċerna d-Dħul Pensjonabbli Massimu ta’ dawk li twieldu qabel l-1962. Dan kull sena se jibda jiżdied sakemm jiġi daqs ta’ dawk li twieldu fl-1962 jew wara. Fl-2024 id-Dħul Pensjonabbli Massimu ta’ dawk li twieldu qabel l-1962 se jkun ta’ €22,000.

Dan ifisser li fl-2024, jista’ jkun li jkun hemm żieda addizzjonali sa massimu ta’ €9.47 fil-ġimgħa però dan jiddependi fuq l-ammont tad-Dħul Pensjonabbli tal-pensjonant.

**Id-Dħul Pensjonabbli huwa il-medja tas-salarji li fuqhom tinħadem il-pensjoni.**

Jekk id-Dħul Pensjonabbli (ibbażat fuq is-salarji li wieħed kellu) kien ogħla minn €20,424 fis-sena kif aġġustat fl-2023, tista’ titħallas żieda addizzjonali li ma taqbiżx l-ammont imsemmi ta’ €9.47. Dawk li s-salarji tagħhom kien ikun anqas minn €20,424 fl-2023, mhux se jirċievu aktar żidiet għaliex diġà qed jirċievu pensjoni li hija ibbażata fuq is-salarji sħaħ li kellhom.

Ħa naghtu 3 eżempji ssimplifikati biex wieħed jifhem aħjar.

1. Ġanni kien jaħdem ma’ kumpanija bħala *Storekeeper* u rtira fl-2010 b’salarju ta’ €12,500 fis-sena. Is-salarji tal-grad li kellu fil-kumpanija baqgħu jiżdiedu kull sena u b’hekk id-Dħul Pensjonabbli aġġornat tiegħu fl-2023 kien ta’ €15,000. Għalhekk kellu pensjoni ta’ żewġ terzi ta’ dawn u kien qed jieħu €10,000 fis-sena jew €192.30 fil-ġimgħa. Dan għalhekk qed jieħu ż-żewġ terzi sħaħ fil-każ tiegħu u t-tieni miżura ma tolqtux.
2. Michael kien jaħdem ma’ kumpanija bħala u rtira fl-2015 b’salarju ta’ €18,000 fis-sena. Is-salarji tal-grad li kellu fil-kumpanija baqgħu jiżdiedu kull sena u b’hekk id-Dħul Pensjonabbli aġġornat tiegħu fl-2023 kien ta’ €20,900. Minħabba li dan huwa aktar mid-Dħul Pensjonabbli Massimu ta’ €20,424 fl-2023, huwa ma kienx qed jirċievi ż-żewġ terzi tas-salarji li kieku kellu fl-2023 imma żewġ terzi ta’ €20,424 jew €261.85 fil-ġimgħa. Id-Dħul Pensjonabbli tiegħu fl-2024 mistenni jkun ta’ madwar €21,737 li żewġ terzi tagħhom jiġu €278.68 fil-ġimgħa. Iżda li kieku ma saritx dil-miżura, Michael minflok kien ikollu pensjoni ta’ €272.58 fil-ġimgħa. Dan għalhekk irid jirċievi d-differenza ta’ bejn €278.68 u €272.58 u allura jieħu żieda addizzjonali ta’ €6.10 fil-ġimgħa. B’hekk huwa jiġi qed jieħu iż-żewġ terzi sħaħ fil-każ tiegħu mill-2024 ’il quddiem.
3. Richard kien jaħdem bħala Assistent Direttur u rtira fl-2020 b’salarju ta’ €35,000. Minħabba li dan is-salarju, u s-salarji li kellu fis-snin ta’ qabel irtira, kienu ogħla mid-Dħul Pensjonabbli Massimu, huwa ma kienx jirċievi pensjoni ta’ żewġ terzi tas-salarji tiegħu imma żewġ terzi tad-Dħul Pensjonabbli Massimu li fl-2023 kien ta’ €20,424 jew €261.85 fil-ġimgħa, Id-Dħul Pensjonabbli Massimu fl-2024 se jkun ta’ €22,000 li żewġ terzi tagħhom jiġu €282.05 fil-ġimgħa. Iżda li kieku ma saritx dil-miżura, Michael minflok kien ikollu pensjoni ta’ €272.58 fil-ġimgħa. Dan għalhekk irid jirċievi d-differenza ta’ bejn €282.05 u €272.58 u allura jieħu żieda addizzjonali ta’ €9.47 fil-ġimgħa. B’hekk huwa xorta mhux se jkunu qed jieħdu ż-żewġ terzi sħaħ fil-każ tiegħu mill-2024 ’il quddiem u għalhekk ikun intitolat għal aktar żidiet addizzjonali kull meta jogħla d-Dħul Pensjonabbli Massimu.

Persuni *self-employed* ukoll jistgħu jibbenefikaw jekk id-dħul li kellhom iddikjarat u li fuqu nħadmitilhom il-pensjoni kien ogħla mid-Dħul Pensjonabbli Massimu kif kien meta rtiraw.



# Is-Surmast Anton Muscat Azzopardi

Ħajtu kienet biss il-mużika

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***

Fid-19 ta' Marzu niċċelebraw il-Festa ta' San Ġużepp li ssir fir-Rabat, Malta. Fil-festa, meta nisma' l-Banda l'Isle Adam, ħsibijieti jaqgħu fuq is-Surmast Anton Muscat Azzopardi li dam snin twal direttur ta' din il-banda li kienet għal qalbu ħafna. Għal din il-banda, Muscat Azzopardi ħalla marċi sbieħ u anki innijiet li għadhom f'qalb il-Ġużeppini Rabtin sal-ġurnata tal-lum. Insemmi, L-Innu lil San Ġużepp, versi tal-Avukat George Zammit, li Muscat Azzopardi kkompona fl-1963 għall-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp.

Lis-Surmast Muscat Azzopardi dejjem nafu l-Każin tal-Banda l'Isle Adam, ma' kumpanija żgħira ta' ħbieb, jirrakkonta xi passaġġ ħelu li jġib tbissima jew jitkellem dwar il-mużika. Ikla tajba mal-ħbieb ma kien jitlifha qatt. Kien minn dawk li, kif ngħidu, żaqqu kien iħobbha. Illum, jiddispjaċini ħafna li, f'dawk iż-żminijiet, kont għadni żgħir għax kieku llum kont nimlieh bil-mistoqsijiet, l-aktar dwar kantanti operistiċi Maltin li huwa kien jafhom fuq ponot subgħajh.

Ara kemm kien jafhom sew il-kantanti u l-mużiċisti Maltin tal-imgħoddi. Meta kont ix-Xandir fil-bidu tal-karriera tiegħi u kont nintervista lil xi ħadd Malti dwar il-mużika, dejjem kien jistqarr miegħi li tgħallem mas-Surmast Anton Muscat Azzopardi. Iva kulħadd? Staqsejt darba lili nnifsi. U ngħidilkom ukoll li dan kien jagħmlu kważi dejjem mingħajr ħlas għax is-Surmast Muscat Azzopardi kien iħobb ħafna jgħallem il-mużika. Fil-fatt, għal snin twal, kien għalliem tal-mużika fil-Liċeo. Din ta' għalliem kienet fih aktar minn kull ħaġa oħra. Kien jieħu pjaċir irawwem talenti ġodda fil-mużika.

Is-Surmast Muscat Azzopardi kien jispeċjalizza fil-qasam tal-kant. Ħafna kantanti, soprani u tenuri bdew it-tagħlim tagħhom miegħu. Biżżejjed wieħed isemmi lit-tenuri Oreste Chircop u Paul Asciaq kif ukoll lis-soprano Hilda Mallia Tabone. Dawn kollha kellhom esperjenza fit-tagħlim mas-Surmast Anton Muscat Azzopardi. Magħhom inżid ukoll il-baxx, Joe Vella Bondin, li baqa' jsemmi li kien jitgħallem il-vuċi ma' Muscat Azzopardi meta dan kien joqgħod il-Ħamrun. Muscat Azzopardi kien jaf jiżviluppa t-talenti tal-alljevi tiegħu.

Anton Muscat Azzopardi kien fih persuna mdaqqsa sewwa. Imma, minkejja dan, meta s-Surmast Carmelo Pace kien jippreżenta xi opra ġdida fit-Teatru Manoel, fis-suġġiera kont tara lil Muscat Azzopardi, magħfus sewwa f'dak l-ispazju limitat, bl-ispartit tal-opra quddiemu, jagħti d-direzzjoni lill-kantanti, kemm versi, kant u entraturi. U meta s-Surmast Joseph Sammut idderieġa l-opra Madama Butterfly ta' Giacomo Puccini fit-Teatru Awrora, ir-Rabat, Għawdex, għażel lis-Surmast Anton Muscat Azzopardi biex jgħinu mis-suġġiera.

Muscat Azzopardi kien jagħmel dan ix-xogħol mużikali b'imħabba kbira. Kien ġuvni u nistgħu ngħidu li għamel ħafna snin jgħix fi Triq il-Patrijiet, quddiem il-Kunvent tal-Franġiskani Minuri fir-Rabat. Anton Muscat Azzopardi kien miġbud sew lejn dawn il-Patrijiet Franġiskani Minuri tant li kien miet fil-kunvent tagħhom stess, f'Għajnsielem, Għawdex.

Anton Muscat Azzopardi kien Qormiż. Twieled fit-23 t'Awwissu, 1903 u miet fil-Kunċizzjoni tal-1979, fl-età ta' sitta u sebgħin sena. Ta' ħdax-il sena, studja fl-Istitut San Ġużepp li kien l-ewwel skola tal-Frères. Dak iż-żmien, f'dan l-Istitut kien hemm banda mmexxija mis-Surmast Carmelo Abela Scolaro u, mingħand Scolaro, Anton ħa l-ewwel lezzjonijiet mużikali. Wara, kompla l-istudju mużikali tiegħu għand diversi surmastrijiet. Iktar tard, Anton Muscat Azzopardi kien ukoll Surmast-Direttur tal-Banda tal-Istitut San Ġużepp.

Bħala surmast tal-baned tal-irħula, l-ewwel banda li kellu Muscat Azzopardi kienet il-Banda Sant' Andrija ta' Ħal Luqa. Kellu biss disgħa u għoxrin sena meta ngħata din il-kariga u dan kien il-bidu ta' karriera twila bħala surmast-direttur ta' din il-banda. Anton Muscat Azzopardi kien ukoll direttur tal-Banda Sliema u tal-Banda *Queen's Own* tal-Isla. Fl-1939, sar ukoll direttur tal-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema u, fl-istess sena, surmast-direttur tal-Banda l'Isle Adam tar-Rabat. Baqa' surmast-direttur ma' din il-banda, u mal-Banda Sant' Andrija ta' Ħal Luqa sakemm ippermettietlu saħħtu.

Fl-1947, Muscat Azzopardi waqqaf il-Banda tal-Gżira u, tliet snin wara, kien magħżul direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Kien ukoll surmast tal-banda ta' Santa Venera u dderieġa ħafna baned oħrajn meta s-surmastrijiet ma kinux jistgħu jattendu. Fiż-żmien li l-Banda *King's Own* kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Gobet, Muscat Azzopardi kien is-sostitut tiegħu u kemm-il darba dderieġa din il-banda tal-Belt.

Għal Anton Muscat Azzopardi, il-mużika kienet ħajtu. Fil-fatt, barra dawn il-baned, ħafna drabi mexxa wkoll orkestri fil-knejjes, fosthom, fil-Knisja Santu Wistin, il-Belt Valletta, fil-Knisja Sant'Antnin, Għawdex u fil-Knisja Ta' Ġieżu, ir-Rabat. Kien ukoll direttur ta' ħafna korijiet, fosthom, dak tal-Knisja Ta' Ġieżu, ir-Rabat. U nerġa' ngħid li, ħafna minn dan ix-xogħol, is-Surmast Anton Muscat Azzopardi kien jagħmlu mingħajr ebda ħlas. Anki fl-eqqel tal-gwerra kompla għaddej bil-ħidma mużikali tiegħu.

Meta ġriet l-aħbar ta' mewtu, kulhadd ħass it-telfa tiegħu. Dan is-surmast kien igawdi rispett mingħand kulħadd u, xhieda ta' dan, kien il-funeral tiegħu li sarlu kemm fir-Rabat u kemm f'Ħal Luqa. Għadni niftakar sewwa lill-ħabib tiegħi, l-Iskultur Anton Agius, jagħmel ir-ras tiegħu għall-Għaqda Mużikali, L'Isle Adam. Qaxxru fil-veru sens tal-kelma għax Anton Agius kien jafu sewwa lil Muscat Azzopardi; kien jafu l-aktar bħala s-surmast-direttur tal-Banda L'Isle Adam għax Anton Agius kien ammiratur kbir ta' din il-banda Rabtija.

Is-Surmast Anton Muscat Azzopardi ħalla wirt mużikali sabiħ f'pajjiżna. Ħadem f'kull qasam mużikali u dan dejjem għamlu bil-qalb għax, għalih, il-mużika kienet tassew ħajtu.

---




# Il-Ħalib magħqud

***Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ***

Min, minna l-anzjani, ma jiftakarx il-ħalib magħqud? Fi żmien il-gwerra, u anki wara, iz-zokkor, bħal ħafna affarijiet oħrajn, kien bir-razzjon. Minħabba f'hekk, ommijietna kienu jippreferu jużaw il-ħalib magħqud għax kien jilħaq żewġ skopijiet, jekk mhux tlieta wkoll, u nghidilkom għaliex. L-ewwel nett, fit-te u fil-kafè, kien iservi kemm bħala ħalib kif ukoll bħala zokkor; speċi ta', kif jgħidu l-Ingliżi, *two in one*, imma, barra minn hekk, meta l-bott tal-ħalib konna nqaxqxuh għal kollox mill-ħlewwa tiegħu, ommi kienet tlaħalħu u tibgħat lil xi ħadd minna bih għand Miċeli l-landier biex, bl-istann, iwaħħallu manku tal-landa ħalli jservi bħala *mug* li nistgħu nieħdu t-te fih. Għall-grazzja tal-Ħanin Alla, il-*plastic* konna għadna ma nafux bih u tazzi tal-ħġieġ ma kinux jafdawlna f'idejna għax inkissruhom u nistgħu nweġġgħu.

Jien kont għadni tifla żgħira imma kont il-kbira fost l-aħwa. Kien hemm sebgħa oħra warajja għax, dak iż-żmien, il-ġenituri tagħna kienu jobdu l-Kappillan. Min għadu żgħir forsi jistaqsi, imma dan x'għandu x'jaqsam? Mur għidilhom! Imma, ħallina minn dan; suppost fuq il-ħalib magħqud qed nitkellmu u dan norbtuh mat-te u l-kafè, mhux hekk? Fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru, il-kafè konna nixtruh bil-kwart mingħand Kalafatu li kellu ħanut maġenb il-Knisja tal-Erwieħ, in-naħa t'isfel ta' Triq il-Merkanti. U kont trid issajru mhux titfa' kuċċarina *instant coffee* fil-*mug* jew fil-kikkra u, tista' tgħid, ma xxomm kważi xejn. Mhux bħal dari! Aħna konna noqogħdu Triq l-Isptar il-Qadim, kantuniera ma' Triq Fontana taħt is-Sur ta' Sant Jiermu, il-Belt u, meta n-nanna Lużar, Alla jtiha l-glorja tal-Ġenna, kienet issajjar il-kafè, nassigurakom li kien jinxtamm minn ħdejn il-Baviera. Naf żgur li, kull filgħodu, dik l-aroma lilna kienet tqajjimna u tifthilna mnifsejna. Konna ninżlu kollha fil-kċina u naraw lin-nanna għassa mal-istanjata tal-kafè, li ma jmurx jagħli u jfurilha. Quddiemha, fuq ix-xriek, kien ikun hemm il-bottijiet skjerati qishom suldati lesti biex, malli l-kafè joqgħod ftit (ħalli l-fond tal-kafè jinżel fil-qiegħ tal-istanjata) in-nanna tibda tferrgħu. Billi l-istanjata ma kinitx kbira u, allura, ma tesgħax ħafna, hi u tferra' l-kafè, lin-nanna għadni nismagħha tgedwed waħedha b'fidi kbira, "Kattar, Sinjur kattar! Kattar, Sinjur kattar!" U, ħaġa tal-għaġeb, veru kien ikattar għax kollha konna nxarrbu griżmejna.

Imma l-istorja tal-ħalib magħqud ma tispiċċax hawn għax dik it-togħma ħelwa li tgħaxxi, għalina t-tfal, kienet tentazzjoni kbira wisq u, kull daħla u ħarġa fil-kċina, kif ommi ddawwar wiċċha, kollha konna nħobbu nbillu subgħajna fil-bott tal-ħalib magħqud. Naturalment, meta tinduna, ommi kienet tgħajjat xi ftit magħna u dan mhux għax, qabel ma nagħmlu hekk, ma konniex innaddfu jdejna bis-*sanitiser* tafux? L-iġjene lanqas biss konna nafu xi tfisser. Ommi kienet tinkwieta għax, b'hekk, il-ħalib magħqud kien jispiċċalha aktar malajr.

Nhar ta' Sibt, ommi kienet ittina l-banju, litteralment, ġo banju kbir taż-żingu u, m'hemmx għalfejn ngħidilkom; ma kinitx tbiddel l-ilma wara kull waħda jew kull wieħed minnha lanqas; biex ma taħlix ilma. Minkejja dan, niżżikhajr 'l Alla, it-tmienja li aħna kollha għadna nferfru sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Mid-dehra, il-ħalib magħqud kien ituqna naqra mhux ħażin!

Wara li tlibbisna, ommi kienet tibgħatna purċissjoni d-Duttrina biex inqerru dnubietna biex l-għada, il-Ħadd, inkunu nistgħu nitqarbnu. Meta kbirna ftit, irrealizzajna li kollha kemm aħna kollha konna nqerru l-istess dnubiet, jiġifieri, ma nobdix lil ommi u nbill subgħajja fil-bott tal-ħalib magħqud.

Illum, għand tal-*grocer*, u anki fis-*supermarkets*, għadek tilmħu dan it-tip ta' ħalib għalkemm nosserva li qajla għadek tara nies jixtruh. Fil-verità, lanqas jien m'għadni nixtrih regolarment. Peró, meta, darba kultant, jifdalli xi ftit ħobż u niddeċiedi li nagħmel pudina, jew xi *Christmas log* qrib il-Milied, inħobb nixtrih u tistgħu tibqgħu ċerti li ma nitfgħux kollu fil-pudina, jew fil-*log*, imma nħalli dawk iż-żewġt iswaba minn dak l-eliżier ta' tjubija ħalli, bħal frotta pprojbita, filgħaxija, nintefa' quddiem it-*television* bil-bott u l-kuċċarina f'idi u noqgħod nerġa' nesperjenza dak il-pjaċir ta' tant u tant snin ilu. M'għandniex xi ngħidu, ħalli għal uliedi biex jgħajruni 'ħanżira'. Infatti, ibni l-kbir ġieli jgħidli, "Ma, inti taf jekk għandekx zokkor?" U jien dlonk inwieġbu, "Dażgur li naf; għandi borża ġol-armarju għadni kemm xtrajtha dalgħodu!"



# Il-Malti f'dawn l-aħħar mitt sena (it-tieni parti)

***Kitba riċerkata minn għejun differenti magħmula minn Anthony Cardona bi tħejjija għal konferenza li kienet saret il-Junior College għall-ħabta tas-sena 2008***

**Il-varjetajiet tal-Malti mitħaddet**

Fejn għandha x'taqsam il-lingwa, ma naħsibx li tista' teżisti xi sitwazzjoni ideali fejn kulħadd jitkellem bl-istess mod ħalli jkun preċiż u perfett. Fil-każ tagħna, il-biċċa l-kbira tal-Maltin jitkellmu bil-Malti standard imma għad hemm numru ta' skejjel privati fejn it-tfal jitgħallmu bl-Ingliż biss u, sa ċertu żmien ilu, l-istudenti kienu jiġu penalizzati jekk jitkellmu bil-Malti. Għaldaqstant, issib għadd imdaqqas ta' tfal li jitkellmu bl-Ingliż biss u, għalkemm, jekk iridu, jafu jinqdew bil-Malti wkoll, jippreferu jikkomunikaw bl-Ingliż għax hekk draw minn ċkunithom. Issib ukoll li, anki d-dar, dawn it-tfal huma mtellgħin jitkellmu bl-Ingliż u x'aktarx jużaw taħlita ta' Ingliż u Malti fit-taħdit tagħhom. Hemm ukoll il-fenomenu tal-influss kbir ta' barranin li ġew jaħdmu Malta f'dawn l-aħħar snin u li komplew żiedu sostanzjalment il-popolazzjoni ta' Malta. Naturalment, dawn, għall-ewwel, jużaw l-Ingliż bħala mezz ta' komunikazzjoni, inkluż uliedhom li ma jkunux jafu bil-Malti. Imbagħad, il-Malti jaqbduh ftit ftit u jsiru bilingwi, bħal ħafna tfal oħra Maltin. Forsi nistgħu niddeskrivu l-lingwaġġ ta' dawn in-nies bħala taħlita ta' Malti/Ingliż jew Ingliż/Malti. Naturalment, dawn in-nies x'aktarx li jkollhom livell ta' Ingliż li jkun karatterizzat minn interferenzi mill-Malti. Però, hemm ħafna livelli ta' x'tip ta' interferenzi jista' jkun hemm. Irridu ngħidu wkoll li, dawk in-nies li jitkellmu bil-Malti/ingliż imħallat, jużawh f'ċirkustanzi speċifiċi.

Ħafna drabi, il-kelliem juża frażijiet Maltin f'sintassi Ingliża fejn isir ħafna *code-switching*, jiġifieri, meta wieħed jaqleb il-frażijiet, anki litteralment, skont il-ħtieġa tal-mument, anki mingħajr ma joqgħod iqis jekk huwiex juża l-lingwa b'mod tajjeb jew le. Fejn jidħol *code-switching*, hemm xogħol interessanti ta' Sonia Ellul, li kienet ħadet ħamsin każ individwali minn familji minn postijiet differenti imferrxin ma' Malta, fosthom l-Imġarr, Ħad Dingli, il-Mosta, Tas-Sliema u Raħal Ġdid. Hija riedet turi x'tip ta' taħdit isir bejn il-ġenituri u wliedhom fl-età ta' qabel l-iskola li, dak iż-żmien, kienet ta' ħames snin. Il-maġġoranza tal-ġenituri kienu nies li kellhom livell edukattiv sas-sekondarja u t-tfal kellhom etajiet li jvarjaw bejn is-sitt xhur u l-ħames snin. Meta Sonia Ellul analizzat il-materjal tat-tweġibiet fil-kwestjonarju, waslet għal dawn il-konklużjonijiet:-

- Jekk il-*code-switching* ikunx formali jew le, jiddependi mis-sitwazzjoni tal-kelliem fil-mument tat-taħdit. Meta l-ġenituri jkunu f'sitwazzjoni familjari, x'aktarx li jużaw ħafna l-Malti/Ingliż bħala l-funzjoni l-baxxa tat-taħdit imma, meta jkunu f'sitwazzjoni formali, jiġifieri quddiem nies barranin, x'aktarx li jużaw l-Ingliż/Malti bħala l-funzjoni l-għolja tat-taħdit fejn anki l-istruttura tas-sentenza tinbidel għal waħda bl-Ingliż aktar ma tinħass il-ħtieġa tal-funzjoni l-għolja tat-taħdit.

- Meta l-ġenituri jikkoreġu lit-tfal, jidħol il-fattur emottiv u, allura, x'aktarx li jużaw lingwaġġ dirett li jinkludi ħafna aktar Malti milli Ingliż. Dan juri li l-bniedem juża kodiċi speċifika għal funzjonijiet partikuari ta' lingwa anki minħabba fatturi emozzjonali.

- It-tip ta' Ingliż li jużaw ħafna ġenituri mhux Ingliż tajjeb. Huwa tip ta' Ingliż b'ħafna interferenzi mill-Malti. X'aktarx li huwa traduzzjoni litterali mill-Ingliż għall-Malti u dan dejjem jiddependi mil-livell edukattiv tal-individwu.

- F'Malta, għad hawn l-użanza fejn isir ħafna *baby talk* fejn il-ġenituri għadhom jużaw kliem bħal dan li ġej:

*tuttu* (żiemel) *ċejċa* (ħelu) *bobba* (libsa) *paqqa* (karozza) u *bumbu* (ħalib). Għadek issib dan it-tip ta' kliem f'ċerti sitwazzjonijiet imma miegħu, illum, żdied ħafna kliem ta' din ix-xorta bl-Ingliż bħal: *girlie, milkie, horsie, birdie* u *doggie*.

- Minn età ċkejkna, ħafna tfal jibdew jitkellmu b'taħlita ta' Malti/Ingliż b'sintassi ħażina għax jidraw hekk mill-ġenituri tagħhom, bħal ngħidu aħna: *Ejja ħa tieħu*

*drink*, Għidlu bye il-man, Tih kiss in-nannu, *Għidilha sorry l-lady,* jew, *Ara d-doggie kemm hu nice!*

Dawn il-ftit eżempji juru li ħafna ġenituri jippruvaw iħejju lil uliedhom għall-*kindergarten* billi jkellmuhom b'taħlita ta' Malti/Ingliż jew Ingliż/Malti bl-iskop li, meta jibdew l-iskola formalment, ikunu diġà jafu jesprimu ruħhom sewwa. Fil-fatt, ħafna tfal jispiċċaw iħawdu ż-żewġ lingwi flimkien minħabba l-interferenzi lingwistiċi minn waħda għall-oħra. B'hekk, ma jsirux kompetenti, għall-inqas, f'waħda minnhom u jitilfu ċ-ċans li, meta jikbru, isiru bilingwi (jiġifieri tajbin kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż). Ħafna ġenituri jaħsbu li dan l-aġir lingwistiku fih xi prestiġju soċjali mingħajr ma jindunaw li l-*code-switching* jista' jagħmel ħsara irreparabbli fil-mod ta' kif nitkellmu, it-tfal ma jilħqux livell għoli ta' kompetenza u jibqgħu ibatu biex jesprimu ruhom, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Fi studju aktar riċenti ta' *code-switching* li sar, Michelle Caruana sabet ħafna fatturi interessanti li wassluha għal dawn il-konklużjonijiet li ġejjin:

- Il-*code-switching,* fih innifsu, huwa varjetà għax jintuża minn grupp ta' nies f'ċirkustanzi partikolari.

- Dawk li jużaw il-*code-switching* ma jużawx il-Malti biss jew l-Ingliż biss imma taħlita tat-tnejn u mhumiex kapaċi, jew isibuha diffiċli, jitħaddtu b'ilsien wieħed.

- Il-kompetenza lingwistika tagħhom iġġagħalhom jiġbru l-materjal lingwistiku miż-żewġ ilsna għax, inkella, ma jkunux kapaċi jżommu konversazzjoni tajba fit-tul b'mod intelliġibbli.

- Il-*code switchers* jaħsbu li huma superjuri mill-oħrajn; mhux fejn tidħol il-lingwa imma fejn jidħol l-i*status soċjali*.

- Il-biċċa l-kbira tal-*code switchers* f'dan l-istudju kienu ħaddiema tal-banek, nies fin-negozju, ħaddiema tal-uffiċini, nies professjonisti, *shop assistants* u nies li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu.

- L-aktar postijiet fejn isir il-*code-switching* huma Tas-Sliema, Pembroke, Is-Swieqi, San Giljan, H'Attard u Buġibba.

Meta tqis li kwalunkwe lsien huwa parti minn firxa kulturali sħiħa ta' pajjiż u, meta nafu li aħna nassorbu b'mod astratt ix-xbieha akustika ta' dak kollu li nlissnu, naraw, nisimgħu u naħsbu fuqu, ikun aħjar jekk it-tfal l-ewwel jakkwistaw kompetenza xierqa fil-Malti ħalli jkollhom mappa mentali tal-lingwa nattiva li, imbagħad, tagħtihom ħila ta' twettiq fl-ilsien. B'hekk, ikunu jistgħu jaqbdu l-Ingliż b'mod aħjar aktar 'il quddiem.

Studju ieħor interessanti li jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni lingwistika partikolari huwa dak ta' Antoinette Camilleri. Fih, naraw liema huma dawk il-fatturi soċjoloġiċi li jaffettwaw il-lingwa, fosthom il-kuntest soċjali, l-età, is-sess u l-livell edukattiv. Camilleri ħadet il-lokalità tal-Imġarr (Malta) u qabblet il-Malti *standard* mal-Malti djalettali. Fost affarijiet oħrajn, hija sabet dawn id-differenzi bażiċi:

- Differenzi fonetiċi, speċjalment fil-forom vokaliċi u dittongali bħal morna/*murna*, sena/*senae*, veru/*verew*, din/*dein*, nies/*nijes*, tabib/*tubajp*, żarbun/żarbawn u kollox/*killix*.

- Differenzi lessikali bħal pitazz/*skritt*, antiporta/*boxxla*, ħabel tal-inxir/*perċa* u biskuttell/*qarmeċ*.

- Differenzi grammatikali purtieri/*prieter*, sefturi/*sfieter*, kutri/*kwieter* u karozzi/*krarez*.

- Differenzi idjomatiċi bħal, ngħidu aħna, sar il-ħin/*għamel il-ħin*, ixgħel id-dawl/*agħmel il-dawl* u mort naqta' xagħri/*mort naqta' x-xagħar*.

- Differenzi sintattiċi bħal, mhux qed imur skola/*mhu qedx imur skola*.

- Differenzi semantiċi fejn l-istess kelma taqleb it-tifsira tagħha fil-Malti *standard* bħal, libet (fil-Malti *standard* tfisser 'telgħulu' imma, fid-djalett Imġarri, tfisser 'ikkalma', koċċ (fil-Malti *standard* tfisser 'ħafna' imma fid-djalett Imġarri tfisser 'ftit'.

Camilleri tat kas ukoll l-età u l-livell edukattiv ta' dawk li kienu intervistati fil-kwestjonarju tar-riċerka tagħha u sabet li dawk li huma l-aktar anzjani kellhom edukazzjoni limitata u aktar kienu esposti għall-Malti djalettali. Iż-żgħażagħ li għandhom edukazzjoni ogħla kellhom kuntatt qawwi mal-Malti *standard* imma huma wkoll jużaw id-djalett meta jkunu fiċ-ċirku magħluq tar-raħal. Mill-analiżi tal-materjal lingwistiku li ġabret, Camilleri għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

- It-tfal tal-iskola tal-Imġarr jitkellmu bid-djalett bejniethom imma jużaw il-Malti *standard* mal-għalliem.

- L-Imġarr hemm, mill-inqas, tliet tipi ta' nies li jaddottaw lingwaġġ differenti: dawk li jużaw id-djalett biss li, fil-biċċa l-kbira, huma anzjani; dawk li jużaw id-djalett f'sitwazzjonijiet familjari biss imma jużaw ukoll il-Malti *standard* f'sitwazzjonijiett aktar formali li, fil-biċċa l-kbira, huma żgħażagħ; u dawk li jużaw taħlita ta' djalett u Malti *standard* skont is-sitwazzjoni kif ukoll taħlita ta' Malti/Ingliż jew Ingliż/Malti, l-aktar it-tfal żgħar tal-iskola primarja.

Meta l-individwu jwessa' ċ-ċirku soċjali tiegħu, x'aktarx li jibdel il-mod kif jesprimi ruħu lingwistikament. Għaldaqstant, dawk li jużaw id-djalett meta jkunu f'ċirkustanzi formali, fejn iħossu sens ta' inferjorità minħabba l-istigma soċjali, jaqilbu għall-Malti *standard* u dawk li jużaw l-i*standard*, jaqilbu għall-Malti/Ingliż jew Ingliż/Malti. Aktar ma wieħed jikber, aktar isir konxju mill-prestiġju soċjali għax aktar iħoss il-ħtieġa li jsib postu fis-soċjetà, jiġifieri, li jkun aċċettat min-nies ta' madwaru u, b'hekk, isir aktar selettiv fit-tip ta' lingwaġġ li jagħżel biex jesprimi ruħu. Dan juri li hemm ġerarkija stratifikata kif wieħed juża l-lingwa u, aktar ma l-individwu jakkwista prestiġju, aktar jersaq lejn il-funzjoni l-għolja tat-taħdit, jiġifieri, djalett Ð Malti *standard* Ð Malti/Ingliż Ð Ingliż/Malti Ð Ingliż.




# The customer

*An essay by Liz Bajada*

Years ago, business organisations, both public and private, seem to have come to the conclusion that, unless a good profit is registered by year end, then the business was not thriving. Profit also led to cost-cutting and, in order to justify this, a lot of jargon was resorted to. The 'customer care' and 'the customer is always right' clichés came into being. In the light of such nice phrases, the implication was that one would expect to receive some sort of preferential treatment. But, in the world of business, reality often falls far too short of perceptions. With the excuse of offering a "better service", dispensers, telephone answering gadgets, internet banking, on-line buying and automated teller machines (ATM's) were introduced. It took the public a while to realise that these would replace the one-to-one, face-to-face, personal service. One day, a senior citizen decided to try an ATM. It so happened that, at that particular moment, the machine was being serviced. The client pressed the buttons and, from somewhere behind the machine, a lovely, young female voice said, "We regret that this machine is temporarily out of service." At this, the surprised customer was heard saying, "Goodness, gracious me! This machine even talks!"

Although these new ways of doing business have, somewhat, alleviated queues and waiting times, one cannot fail to note that the personal touch is missing. No one recognises anyone anymore and the overall service has become somewhat impersonal. Everyone is in a rush and 'manners' is just another word that has completely disappeared from the vocabulary.

Technology continued to replace the personalised service through automated telephony. Frustration starts to creep in when the telephone is picked up and a monotone voice is heard at the end of the line, listing the services provided and the related numbers to be pressed. At the end of this one-sided conversation, if one is lucky enough, one is asked to wait. The waiting time is accompanied by a jingle which gets repeated time and time again. If one is super-lucky, one may hear a voice asking, "How can I help you?", by which time one would have almost forgotten what one needed to ask in the first place.

In this day-and-age of progress, what a person fails to figure out is that the most important word in the phrase, 'customer care' is care - another word for manners. It is a magical word. It has been proven that, in the long run, if one ensures that good and effective service is given, the image of the business itself improves as the customer feels welcomed and valued. Thanking the customer for his custom works miracles. This shows appreciation and will definitely oil the wheels in various circumstances. I am sure that many have seen the film, 'My Fair Lady' based on George Bernard Shaw's Pygmalion. In it, Professor Higgins takes a cockney-speaking little flower girl and, by teaching her good manners, makes a lady of her. "The great secret", says Professor Higgins, 'is not to have good or bad manners but having the same manners for all human souls." It is most important to see people as persons and not as things or numbers. It is true that we are all generally too busy, too hassled and preoccupied. But it will certainly not cost anyone anything to say 'Please' to start off with.

Although one cannot say that family members are 'customers' it is most important to get this 'caring' attitude in the family – where all should feel welcomed and valued. This certainly applies for relationships between husband and wife or parents with children. Words of encouragement and positive comments between members of the family will improve the atmosphere which, many times, due to the various day-to-day issues, brings tension resulting in stress and ill-health. A French Marshall once commented, to an unmannerly American who said that French politeness was nothing but wind, 'Neither is there anything but wind in a car tyre, but it eases wonderfully the jolts along life's highway'.

A good word said when the opportunity arises, a sincere compliment and, of course, a smile which, invariably, lights up a face, projects a positive attitude and shows care and appreciation.

One must fully agree that, while a good bottom line to a balance sheet ensures the prosperity of a country, this must not be achieved to the detriment of good manners which soften the hard edges of reality and lie at the heart of that mysterious thing called Charm. How to have them? Imagine yourself in another person's shoes, then treat the person as you would like to be treated. Certainly, at times it can be very trying and a constant effort must be made. However, as a father once said to his son, 'My son, you are not polite to a person because he is a gentleman but because you are one!'

L-Università ta' Malta
Faculty for Social Wellbeing

Department of Gerontology & Dementia Studies

## Gerontology & Dementia Studies at UM

An ageing population is both a success story of human endeavours and achievements, but also constitutes its own challenges. Hence, the Department of Gerontology and Dementia Studies aims to cultivate agents of change dedicated to empowering the ageing population and its related fields. With a strong emphasis on skills development, the Department equips students with a deep understanding of gerontology and dementia, enabling them to address the challenges faced by older adults. Through comprehensive research, innovative approaches, and practical training, students learn to promote well-being, enhance quality of life, and advocate for the rights and needs of seniors. Ultimately, the Department's *raison d'être* lies in fostering compassionate leaders who can positively impact the lives of older individuals and shape a more inclusive and supportive society.

STUDY WITH US

- **Higher Diploma in Gerontology and Geriatrics**
  Full-time Course | 3 Semesters
- **Bachelor of Arts in Gerontology and Disability Studies**
  Full-time Course | 3 years
- **Master of Arts in Ageing and Dementia Studies**
  Part-time Course (blended) | 6 Semesters
- **Master of Gerontology and Geriatrics**
  Full-time Course | 3 Semesters
- **M.Phil./Ph.D.**



gerontology.fsw@um.edu.mt
+356 2340 2237
/um.gerontology
**um.edu.mt/socialwellbeing/gerontology**

# Lil tlitt iħbieb ta' veru li, minnhom, sibt għajnuna kbira f'ħajti

**Anthony Borg 23 - 03 - 2016**



***Lil Dr Joseph Brincat, Nutar***
'Manifk' inħobb ngħajjatlek
għax, b'hekk, inħossni miegħek.
L-irġiel lilek ifittxu
għax tiswa' l-kelma tiegħek.

***Lis-Sur Kevin Bonello, eks-President tal-MUT***
Bibien għalquli imma
ma qtajtx qalbi.
U, fl-aħħar, sibt lil Kevin li laqagħni
u qalli: "Ejja Għandi!"

***Lil Dr Frank Fabri, eks-Direttur tal-Edukazzjoni***
Il-Gżira għallimt bl-imħabba;
ġo Bormla ħloqt it-tama
u lili wrejtni s-sewwa.

# L-ewwel laqgħa ma’ Ġesù



### Kitba ta’ Phyllis Sammut Smith

Fil-ħajja, hemm ġrajjiet li, jgħaddi kemm jgħaddi żmien minn fuqhom, jibqgħu stampati fil-memorja tagħna qishom seħħew ilbieraħ. Mela kont ħdejn Ġwanni l-Għammied, biswit ix-xmara Ġordan, ma’ dixxiplu ieħor meta, f’ħin minnhom, Ġwanni qal, “Araw il-Ħaruf t’Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja!” Tenna dan il-kliem meta ra lil Ġesù għaddej minn hemm. Jien ma kontx nafu lil Ġesù. Ilmaħt ġuvni twil, maestuż, miexi b’pass meqjus. Mal-kliem ta’ Ġwanni, jien u d-dixxiplu l-ieħor ma domniex naħsbuha wisq; erħejnilha għal warajh. Hu ħassna li konna mexjin warajh. Dar u staqsiena, ”Xi tridu?” Infxilna kif inwiġbuh. Għednilu, “Fejn toqgħod Rabbi?” Aħna għarafna li dan ir-raġel, li Ġwanni l-Għammied tkellem hekk fuqu, bilfors li hu xi ħadd speċjali; mgħallem kbir. Hu stedinna naraw fejn kien joqgħod.

Kienu xi l-erbgħa ta’ waranofsinhar u x-xemx kienet għadha tisreġ sewwa. Minn moħħi, bdew għaddejjin ruxxmata ħsibijiet; “Tgħid dan hu l-Messija mwiegħed, li kellu jeħlisna mill-ħakma tal-misħutin Rumani? Kif kien ser jagħmel dan? Tgħid ta’ min jimxi warajh bħala dixxiplu tiegħu?” Hu u jkellimna dwar il-ħwejjeġ t’Alla, kliemu kien mimli ħlewwa. Wiċċu kien jixgħel b’dawl hekk sabiħ li kien diffiċli tneħħi għajnejk minn fuqu! Imma ma kienx itik x’tifhem li hu xi mexxej politiku. Ħadt l-impressjoni li l-politika ma tinteressaħx. Minkejja li ma stajtx nifhem kif ser iwettaq il-missjoni tiegħu, fil-qalb ta’ qalbi, xorta waħda kont konvint li Hu tassew il-Messija li dwaru kitbu l-profeti. Għalija, bdiet avventura li qatt ma bsartha.

L-ewwel li għamilt kien li ħadt lil ħija, Xmun, għandu. Ġesù ħares lejh u qallu, “Inti Xmun, bin Ġwanni! Int tissejjaħ Kefa.” Issorprendejt ruħi meta smajt li kien jaf isem missieri. U, lil Xmun, kif tah isem ieħor, għidt bejni u bejn ruħi? Kien bosta xhur wara li għaraft għaliex tah dak l-isem. Tant ħassejtni miġbud lejn Ġesù li ddeċidejt li nimxi warajh bħala dixxiplu tiegħu. Hekk ukoll għamel ħija, Xmun Pietru. Maż-żmien, l-Imgħallem ġabar madwaru iżjed dixxipli sakemm konna tnax-il wieħed. Aħna konna l-iżjed qrib tiegħu.



Nixtieq nirrakkonta xi affarijiet li għamel Ġesù fit-tliet snin li għaddejt miegħu u kif dawn laqtu lili personalment. L-ewwel miraklu seħħ waqt festa ta’ tieġ ġewwa Kana. Aħna, flimkien ma’ Ġesù u ommu, konna mistidnin. Meta għadda ftit ħin mhux ħażin minn din il-festa, omm Ġesù bdiet tkellmu b’ċerta ħerqa. Hu baqa’ kalm, bħal qisu indifferenti għal dak li qaltlu. Wara, sirna nafu fuqiex kelmitu. L-għarrajjes naqashom l-inbid u omm Ġesù għarrfitu b’dik is-sitwazzjoni. Ġesù qalilha, “X’hemm bejni u bejnek mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx!” Minkejja din it-tweġiba, ommu kellha fiduċja sħiħa li binha kien ser jagħmel xi ħaġa biex jgħinhom. Ġesù qal lill-qaddejja biex jimlew sitt ġarar bl-ilma. Imbagħad, ħaduhom lil dak li kien qiegħed jieħu ħsieb il-mejda. B’għaġeb kbir ta’ kulħadd sirna nafu li l-ilma nbidel f’inbid tal-ifjen kwalità!

Miraklu ieħor, li lili ħallieni mnixxef, seħħ in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilea. Bħas-soltu, Ġesù kien qed ifejjaq il-morda u jgħallem il-kotra. F’mument minnhom, Ġesù staqsa lil Filippu minn fejn stajna nixtru l-ħobż biex lin-nies nagħtuhom xi ħaġa x’jieklu. Filippu tatu rasu u wieġbu, “Mitejn dinar ħobż mhumiex biżżejjed biex kulħadd jitrejjaq!” Jien tajt ħarsa madwari biex nara kienx hemm xi ħadd li kellu xi ħobż għal bejgħ. Ilmaħt tfajjel li kellu ħames ħobżiet u żewġ ħutiet żgħar. Lil Ġesù għarraftu b’dan imma, fl-istess ħin, urejtu li dan ma kien ser isolvi xejn. Irġiel biss kien hemm xi ħamest elef u dan minbarra n-nisa u t-tfal. Madankollu, Ġesù ma kkonfondiex u qalilna biex inqiegħdu n-nies bilqiegħda fuq il-ħaxix. Li seħħ wara immeraviljani! Ġesù bierek dak il-ħobż u dak il-ħut u talabna nqassmuh. B’għaġeb kbir, kulħadd kiel u xaba’! Mhux hekk biss imma, wara, ġbarna tnax-il qoffa b’dak li kien fadal. Nammetti, ħassejtni kburi li jien dixxiplu ta’ Ġesù. Min jaf kif ser nispiċċaw jekk jibqa’ sejjer hekk, irraġunajt bejni u bejn ruħi! Moħħi kien mimli bi ħsibijet ta’ unuri u ġid li setgħu jkunu fil-qrib għalija! Kemm kont għadni ’l bogħod mill-ħsieb u l-pjan li Ġesù kellu għalija! Minn naħa tiegħu, is-suċċess ma telax għal rasu. Anzi, meta ra li n-nies għarfuh bħala l-Profeta mwiegħed minn Mosè u riedu jagħmluħ sultan, warrab waħdu lejn l-għoljiet. Din l-imġieba tiegħu ma stajtx nifhmiha. Ċans bħal dak u ma ħadux! Kont għadni ma fhimtx min hu tassew Ġesù u x’kienet il-missjoni tiegħu.



Filgħaxija stess, tlaqna bil-baħar lejn Kafarnaum, in-naħa l-oħra tal-Għadira. Ġesù ma kienx magħna. Baqa’ jitlob waħdu fuq l-għoljiet. Ħsibt li kellna mmorru lura għalih l-għada. Mhux

l-ewwel darba li għamel il-lejl kollu jitlob. L-għejja ta' dak il-jum straordinarju bdiet tagħmel tagħha u aħna lkoll bdejna nbatu biex naqdfu għax ir-riħ kien kontrina. Meta kważi wasalna f'nofs l-għadira, naraw xi ħaga bajda riesqa lejna. Aħna twerwirna! "Jien Hu," qalilna; "la tibżgħux!" Kien l-Imgħallem Ġesù miexi fuq l-ilma! Bilkemm stajna nemmnu lill-għajnejna. F'moħħi feġġet il-mistoqsija, "Imma Ġesù min hu verament?" Il-miraklu tal-inbid, imbagħad tal-ħobż u issa dan l-avveniment tal-għaġeb! Ħassejt qalbi ddub ġewwa fija.

L-għada, fis-sinagoga, Ġesù beda jfiehem li Hu kien il-Ħobż tas-Sema għax il-Ħobż t'Alla jinżel mis-Sema u jagħti l-ħajja lid-dinja. Meta n-nies talbuh jagħtihom minn dan il-ħobż, Ġesù qalilhom, "Jien huwa l-ħobż tal-ħajja! Min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem! U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja!" Dan il-kliem ta' Ġesù ħawwadhom ħafna lil-Lhud u bosta mid-dixxipli telquh. Jien bdejt ninkwieta li, wara dan it-tagħlim tiegħu, ftit ftit kulħadd kien ser jitilqu. Kif kont mitluf fi ħsibijieti, inħsadt meta Ġesù dar fuqna t-tnax u qalilna, "Tridux tmorru intom ukoll?" Tbikkimna għax ma konniex nafu x'naqbdu ngħidulu. Veru iebes it-tagħlim tiegħu imma mbagħad, ħija, Xmun Pietru, li kien jitkellem f'isimna, qallu, "Mulej, għand min tridna mmorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem u aħna għarafna u emminna li int il-Qaddis t'Alla!"



Kieku kelli nirrakkonta dak kollu li ġara fit-tliet snin li għext qrib Ġesù, ma nispiċċa qatt. Imma ma nistax intemm dawn il-ftit esperjenzi mingħajr ma nikteb dwar żewġ ġrajjiet li ħallew impressjoni kbira fuqi. Qed ngħid għall-qawmien ta' Lazzru u r-Reżurrezzjoni ta' Ġesù. Lazzru u ħutu, Marta u Marija, minn Betanja, kienu ħbieb tal-qalb ta' Ġesù. Ġieli kien imur jistrieħ għandhom. Aħna konna mmorru miegħu ukoll. Ġara li konna f'post daqsxejn 'il bogħod u ħut Lazzru bagħtu jgħidulna li Lazzru kien marid. Skantajt mhux ftit li Ġesù ma marx mill-ewwel għand Lazzru biex ifejqu. Anzi, dam jumejn oħra fejn konna. Sadattant, Lazzru laħaq miet u difnuh. X'dehra ta' qsim il-qalb laqtitna meta wasalna Betanja! Marta u Marija kienu ddispjaċuti li Ġesù ma laħaqx lil Lazzru ħaj! Ġesù mar ħdejn il-qabar u talabhom ineħħu l-blata li kienet tagħlqu. Marta qaltlu, "Mulej, issa beda jrejjaħ! Diġà ilu erbat ijiem mejjet. " It-tweġiba ta' Ġesù kienet misterjuża: "M'għedtlekx li, jekk temmen, tara l-glorja t'Alla?" Imbagħad, wara li qal talba, b'leħen għoli, qal, "Lazzru, oħroġ!" U Lazzru ħareġ! X'għagħa qamet f'daqqa waħda meta rajna lil Lazzru nfaxxat ħiereġ mill-qabar! Anki jien u nirrakkonta, qed inħoss tkexkixa ta' bard tiġri ma' ġismi kollu! Is-setgħa ta' Ġesù hija, saħansitra, anki fuq il-mewt!

Għadni nħoss għafsa ta' qalb kbira meta niftakar li abbandunajtu meta l-aktar kellu bżonni! Wara l-passjoni u l-mewt kiefra ta' Ġesù, kollha għamilna hekk, ħlief id-dixxiplu l-maħbub. Konna mbeżżgħin mil-Lhud u, allura, issakkarna ġewwa. Imma, minkejja li l-bibien kienu magħluqin, Ġesù ġie u qagħad f'nofsna! Deher mimli bil-ħajja. Innutajt li kellu l-marki tal-imsiemer f'idejh u f'riġlejh u dik tal-lanza f'ġenbu. X'ferħ kbir ħassejna jien u sħabi! Ebda kelma ta' ċanfira ma ħarġet minn fommu! Minflok, selmilna bit-tislima sabiħa ta', "Il-paċi magħkom!"

Jien, Indri, illum niddikjara li lest nagħti ħajti biex nixhed għall-Imgħallem maħbub tiegħi, Ġesù!

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT F'JUM L-OMM

### Ma

**Li tajtni ma kienx biss twelid,**
**ma kenitx biss trobbija.**

**Kull platt imsajjar, kull kelma mlissna**
**kienu kollha mgeżwra f'awra ta' mħabba.**

**M'għadekx magħna bil-ġisem**
**imma l-imħabba tiegħek għadha twennisna.**

**Emanuel Attard Cassar**

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, ikompli fejn ħalla Nazju Abela u jirrakkonta tliet ċajtiet***

Ħbieb tiegħi, bejni u bejn ruħi, għidt: "U mhux aħjar nidħqu ftit? Għax, bis-serjetà biss, nissugraw li naqgħu fil-melankonija; mhux hekk? Imma, jekk ngħidu ċajta, forsi jirnexxili nnisslilkom imqar tbissima żgħira li, għalina l-anzjani, hija bħad-duwa tal-Madalena li tgħina biex inkompli mexjin f'ħajjitna u ddarrielna ftit mit-toqol li ġġib magħha l-ħajja." Mel' isimgħu dawn:

Wieħed raġel mar għand dentist biex jagħmillu dentatura. Wara li rranġalu x-xedaq, ħadlu l-qies, ħadimhielu u ġietu perfetta, ħallsu u kien ħiereġ 'il barra. Imma d-dentist dar fuqu u qallu: "Ħej *mister*; dawn il-flus fioloz!"

U dak ir-raġel dar lejh u qallu: "X'tippretendi sieħbi? Int, is-snien li tajtni mhux foloz ukoll, jewwilla?"

---

Bejjiegħ tal-ħaxix kien għaddej minn triq, jgħajjat b'kemm ħanġra kellu, u jsemmi kulma kellu għall-bejgħ fuq il-karrettun. Fuq bejt fil-qrib, kien hemm tfajla qed tixxemmex li, għal mument, għajnha marret biha u raqdet. Meta semgħet dak l-għajjat, qamet b'ħasda u, fil-fixla, waqgħalha x-xugaman minn fuqha, ittawlet għal isfel u għajtet: "Tal-ħaxix, għandek ħin?"

U tal-ħaxix qalilha: "Ħin għandi kieku! Min joħodli ħsieb il-karrettun m'għandix!"

---

Waħda għalliema staqsiet lit-tfal: "Tfal; min irid imur il-Ġenna?" It-tfal kollha għollew subgħajhom, minbarra wieħed. Il-*miss* skantat u qaltlu: "Johnny, int ma tridx tmur il-Ġenna?"

U Johnny qalilha: "Iva *miss*, imma ommi qaltli biex, mill-iskola, nibqa' sejjer dritt id-dar!"

# IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-MISSIRIJIET KOLLHA L-JUM IDDEDIKAT GĦALIHOM TA' JUM IL-MISSIER



## PA

**Kif qatt nista' ninsa t-tbissima tiegħek?**

**Ressaqtni lejn id-dinja tal-ballun**
**U, fil-logħba tal-futbol,**
**bħalma jiġri fil-ħajja,**
**hemm min hu miegħek u min hu kontrik**
**u trid tilgħab u tkun attent**
**bla ma titlef rasek,**
**sew jekk tirbaħ u sew jekk titlef.**

**F'din id-dinja, li għallmitna t-tnejn li aħna,**
**inti qatt ma tlift it-tbissima tiegħek.**

**Emanuel Attard Cassar**

# Ix-xjuħija mill-lenti Lhudija

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.***



Il-Kotba Mqaddsa spiss jitħaddtu dwar id-dinjità marbuta max-xjuħija. Il-ħajja hija don. Dawk li jgħixu sa età avvanzata huma meqjumin għall-għerf tagħhom. Mhux talli mhumiex meqjusin bħala skart tas-soċjetà, talli, għall-kuntrarju, jitqiesu bħala barka kbira għas-soċjetà kollha kemm hi. Tajjeb, għalhekk, ngħidu li, għalkemm iż-żminijiet inbidlu, dak li qal il-Mulej dwar ħajja avvanzata għadu jgħodd anki llum; avolja s-snin gerrbu fuq li gerrbu. Fil-fatt, it-Torah (wieħed mill-Kotba Mqaddsa) joffri punti tabilħaqq interessanti dwar ix-xjuħija. Kemm għandha x'tgħid u x'tgħallem; kemm liż-żgħażagħ kif ukoll lill-istess anzjani dwar meta persuna tikber fl-età!

F'Ġerusalemm, jekk tivjaġġa b'tal-linja, żgur li tilmaħ avviż li jtenni dak li jgħidilna l-ktieb tal-Levitiku: 'Qum quddiem ix-xiħ b'xagħru abjad u agħtih qima u ibża' minn Alla tiegħek; Jiena l-Mulej.' F'dan il-każ, l-avviż qiegħed jitlob liż-żgħażagħ biex iqumu u jċedu posthom lill-passiġġieri xjuħ. Madankollu, ir-Rabbi Iżakk Waldman jagħti tifsira aktar profonda lil dan il-vers. Huwa jgħid hekk: 'Dan il-vers mhux qiegħed jgħidlek biss biex iċċedi postok għax-xjuħ imma jfisser ukoll li għandek tagħtihom qima u tibża' minn Alla tiegħek għax jien il-Mulej.' Mod ta' kif wieħed jaqra dan hu li, bħalma għandek tirrispetta u tibża' mill-Mulej, hekk ukoll għandu jkollok rispett lejn ix-xjuħ. Fil-fatt, fit-tradizzjonijet Lhud l-aktar qodma, l-aqwa għorrief u mħallfin kienu jirreferu għalihom sempliċiment bil-kelma xjuħ. Sa ftit taż-żmien ilu, anki hawn Malta, ħafna kienu dawk li kienu jirreferu għall-missierhom bħala *'x-xiħ.'* Għax iż-żmien huwa ekwiparat mal-għerf. U x'għandu jkun rispettat aktar mill-għerf? Kliem ix-xiħ, żomm fih!

Jekk tħares lejn għadd ta' stejjer bibliċi, tinnota li, ħafna minn missirijietna, wettqu l-aqwa xogħol tagħhom meta kienu kbar fl-età. Abraham u Sarah kellhom iben meta kienu fid-disgħinijiet (fil-verità, Abraham kien ixjeħ) filwaqt li Ġakobb irrikonċilja ma' Eżaw wara żogħżija pjuttost imqanqla. Skont l-intepretazzjoni tal-Bibbja Lhudija minn awturi Lhud tal-qedem, Mosè kellu madwar tmenin sena meta kien mibgħut biex jeħles lill-poplu mill-Eġittu. U jeżistu eżempji oħrajn bla għadd. Il-letteratura Rabbinika hija mimlija b'eżempji numerużi kemm ta' għorrief anzjani li għaddew għerfhom kif ukoll ta' nies li kienu ppremjati għax irrispettaw u onoraw lill-ġenituri xjuħ tagħhom. Hemm wisq eżempji biex insemmihom hawn. Għalhekk, nerġa' biss nieħdok lura lejn l-għajn oriġinali biblika. Għaliex għandi nirrispetta lill-anzjani? Għax għandek tibża' minn Alla tiegħek; għax jien il-Mulej!

Fil-ktieb tad-Dewtoronomju, għandna l-qawwa tal-parir li jagħtu l-anzjani. Ftakar fil-jiem ta' dari; qis is-snin; kull żmien li gerbeb! Staqsi lil missierek u jurik; lix-xjuħ tiegħek u jgħidulek. Imbagħad, hemm il-Ktieb tas-Salmi li jgħid: Twarrabnix meta nasal għax-xjuħija; titlaqnix meta tħallini saħħti! Fl-istess sezzjoni, insibu wkoll kwotazzjoni tabilħaqq interessanti mill-Ktieb ta' Ġobb: 'Mhux fix-xjuħija ssibu l-għerf? Mhux il-ħajja twila li ġġib id-dehen?'

U dan kollu jagħmel ħafna sens meta wieħed iqis il-qafas taż-żmien skont il-Kelma tal-Mulej; kif jgħidilna tant tajjeb Salm numru 90: Żmien ħajjitna, b'kollox, hu ta' sebgħin sena; l-iżjed tmenin (jekk inkunu f'saħħitna) u l-biċċa l-kbira taħbit u niket.

Jeżistu wkoll riflessjonijiet tabilħaqq interessanti fil-forma ta' sentenzi dwar ix-xjuħija minn diversi sorsi Lhud. F'sors minnhom, insibu hekk: 'L-aktar biċċa iebsa tal-preċetti u l-kmandamenti tal-Mulej hija li tweġġaħ lil missierek u lil ommok.' Fit-Talmud Babilonjan insibu hekk: 'Mara xiħa hija teżor fid-dar.' Min jitgħallem mill-anzjani huwa mqabbel ma' dak li jiekol għeneb misjur u jixrob inbid qadim. Min jilqa' lill-anzjani huwa bħal min jilqa' l-Preżenza Divina.

Mill-lenti Lhudija, il-Mulej qatt ma ried li lill-anzjani nwarrbuhom u nħallu liż-żgħażagħ jgħaffġu kemm jifilħu bl-iskuża li jridu jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom stess. Snin twal ta' esperjenza, għerf u tagħlim tal-anzjani għandhom jissarrfu f'għerf mgħoddi lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex huma jibnu fuq dak li diġà huwa tajjeb.

Għaldaqstant, għeżież anzjani, issukktaw ikkontribwixxu bl-għerf tagħkom lill-ġenerazzjonijiet tagħna iżgħar minnkom! Xjieħu b'dinjità! Fl-istess ħin, infakkru lil dawk iżgħar minna li l-Kelma tal-Mulej titlob li l-anzjani għandhom ikunu rispettati u ammirati. Użaw għerfkom għall-benefiċċju tagħna ż-żgħar li ġejna warajkom! Tgħid x'tgħid is-soċjetà moderna, dan il-kliem jgħodd għaż-żminijiet kollha tal-istorja. Fl-aħħar nett, kif jgħid ir-Rabbi Nachman, il-ġid ta' pajjiż jitkejjel minn kif jittratta l-anzjani tiegħu. Jalla li dan il-messaġġ dejjem jasal fejn għandu jasal!

# Il-bieb numru 11

*Novella ta' Lina Brockdorff*



Jekk tiltaqa' miegħi fuq karozza tal-linja, issibni bi ktieb f'idi. Il-vjaġġ minn tas-Sliema sal-Belt jieħu nofs siegħa u jien ma nħobbx naħli ħin. Nintefa' n-naħa ta' ġewwa, ħdejn it-tieqa, biex ninqata' minn nies li jkunu bilwieqfa u dawk telgħin u neżlin. Imma, dakinhar ta' dil-ġrajja, kien beda jidlam u, kontra qalbi, għalaqt il-ktieb. Konna għadna kif tlaqna mill-Belt, nies bilwieqfa kien hemm imma xorta telgħu aktar.

Fost dawk li telgħu, kien hemm xwejħa; mara qasira u milwija, li tgħodd mas-sebgħin. Kellha libsa sewda mdendla, wiesgħa baħar fuqha. Xagħarha iswed fil-griż, goff u miftuħ, qisu piramida, immewweġ u miġbud lura b'biċċa qafla biex ma jaqax fuq wiċċha. F'idha, kellha basket kbir u qadim. F'riġlejha, qorq goff. Minn ħin għall-ieħor, erħilha tixxotta għajnejha b'maktur imkagħbar; għajnejha ħomor nar bid-dmugħ iċarċar il-ħin kollu. Tat salt biex tipprova taħkem il-maqbad tas-saqaf tal-karozza imma ma laħqitux u, allura, ikkuntentat iżżomm mal-eqreb dahar ta' sit.

Kont għadni żagħżugħa. Ma ħsibthiex darbtejn u qomtilha. Qalbi ħebritni li kienet f'xi saram, fi ħtieġa li tkellem lil xi ħadd għax, kull kantuniera u stejġ li fihom naslu, bdiet tħares 'il barra biex tiċċekkja fejn qegħdin waqt li, fl-istess ħin, tagħti daqqa t'għajn lejna ta' madwarha, qisha trid tistaqsi xi ħaġa.

Kont niġi mill-Belt kuljum, bejn wieħed u ieħor, fl-stess ħin u, tista' tgħid, kont drajt l-uċuħ tal-passiġġieri kollha li jinzertaw miegħi fuq il-karozza. Dawn tispiċċa sselmilhom u, wara ftit, tgħaddi xi kumment ukoll. Xi drabi, anki taqbad diskursata magħhom. Imma dik ix-xwejħa ma kinitx waħda minnhom. Ma nistax nispjega l-fatt li bdejt nieħu tant interess fiha u li ma stajtx naqla' għajnejja minn fuqha. Waħħaltha f'rasi li, meta naslu tas-Sliema, nistaqsiha kellhiex bżonn xi ħaġa.

Kważi ħasditni għax niżlet il-Gżira u jien inżilt warajha. Baqgħet għal ftit minuti fejn ħallietha l-karozza, quddiem l-*Empire Stadium*, tħares 'l isfel u 'l fuq tat-triq storbjuża; ma tafx x'taqbad tagħmel. Staqsejtha jekk kienx ġralha xi ħaġa u jekk nistax ngħinha. Ma weġbitx u, sadattant, weżintha ftit minn driegħha u warrabtha minn fuq l-istejġ. Stajt inħoss ġisimha jirtogħod. Bqajt inħares lejha nistenna tweġiba imma hi baqgħet ċassa, qisha mhix tifhem. Wara ftit, bla kliem xejn, infaqgħet tibki.

Ma kontx naf x'qed itaqqlilha qalbha imma xtaqt insabbarha. Bil-mod, imxejna lejn il-Gżira. Ma stajniex ngħaġġlu għax il-qorq bdiet tkaxkru mingħajr ma terfgħu mill-art. Bżajt li seta' jtiha xi ħass ħażin u tistabat mal-art. Bqajna mexjin bla ma fetħet fommha. Waqa' d-dlam f'salt u bdiet taqa' l-lesħa wkoll. Imbagħad daħħlet idha fil-but tad-dublett, ħarġet biċċa karta mgħaffġa u mdennsa, newlithieli u qaltli, "Għall-bżonnijiet tiegħek, binti! Ma nafx naqra! Agħmilli pjaċir, għidli x'hawn miktub!"

Għall-ewwel, iddarrast immiss dik il-ħmieġ ta' karta imma, ladarba offrejt li ngħin, ma kellix triq oħra ħlief li nagħlaq għajnejja għall-irqaqat li kienu jsawruli ħajti. Ersaqt taħt fanal tat-triq u, fuq il-karta, rajt isem u indirizz: "Betty l-Qormija, 11, Triq ix-Xatt, il-Gżira." Qrajtielha darbtejn qabel dak li qrajt beda jagħmel sens għaliha. Imbagħad, qarrset wiċċha u, għall-ewwel darba minn xħin iltqajt magħha, ħarset dritt f'għajnejja u, f'dik il-ħarsa, rajt talba għall-għajnuna. Ħadet nifs qawwi 'l ġewwa u, bi tnehida, lissnet: "Il-Bambin bagħtek! Għar-ruħ min għandek mejjet, binti. Sibli dal-post u, wara, tista' tmur għax min jaf kemm telliftek ħin. Forsi ħallejt lil min jistenniek, ukoll!"

Ma weġibthiex. Il-karta li kelli f'idi ħassejtha tgħabbini bir-responsabbiltà. Issa kien imiss lili nibda ndawwar wiċċi 'l hawn u 'l hemm biex infittex il-post. Kien dalam sew. Fit-triq fejn konna ma tantx hemm djar. Kull fejn tħares, ħwienet tax-xorb, wieħed ħdejn l-ieħor. Daqq storbjuż tal-*juke boxes* kien ħiereġ minn kull fejn ngħaddu. Imbagħad ilmaħtu; bieb numru 11, imdeffes bħal feles bejn żewġ ħwienet; bieb li, bejn għax kien dalam u bejn għax kien fih passata fuq oħra ta' żebgħa mqaxxra, ma tgħidx x'lewn hu. In-numru 11 kien jidher ċar fuq il-bieb imma xi ħaġa bdiet iżżommni lura li ngħid lix-xwejħa li wasalna għax irraġunajt li hi ma kellhiex x'taqsam ma' dik id-dar. Veru li ma kontx nafha imma, minn bixritha u mill-ħarsa t'għajnejha, ikkonkludejt li ma kinitx qed tfittex postijiet ta' dik ix-xorta. Waqaft u hi basret li kien hemm xi saram qed iħawwadni. Fil-fatt, kont bejn ħalltejn jekk kellix nagħtiha l-karta, nuriha l-post u nitlaq.

Leħinha ftit għoli u urġenti ħasadni. "Għaliex waqafna? Fittex wassalni, jekk jogħġbok! M'għandniex ħin x'nitilfu!" Inksirt, l-aktar għax, malli fetħet fommha, tlitt irġiel, li kienu weqfin bejn il-koxxa tal-bieb u ħanut tax-xorb, daru jħarsu lejna b'ħarsa li ma tantx għoġbitni. Għafast il-buttuna tal-qanpiena tal-bieb numru 11 imma ma smajt ebda ċempila. Il-bieb ma kienx magħluq għal kollox imma, fl-istess ħin, ma rajt ebda dawl mill-velestrun ta' fuq il-bieb.

Ix-xwejħa reġgħet tilfet sabritha. Bdiet trembel il-maktur waqt li trossu mal-pala t'idha, qisha ma tafx x'ser tagħmel bih. Dak il-ħin instema' tfaqqiegħ ta' daħq ġej minn fuq u, wara, sensiela ta' kliem li, għall-ewwel, ħsibtu li mhux bil-Malti imma li ma domtx ma ndunajt li kien kliem bil-Malti li ma tantx jien familjari miegħu. Ħassejtni mbarazzata! Dawwart ħarsti lejn l-irġiel li kienu għadhom moħħhom fina. F'daqqa waħda, bħal waqa' l-għamad minn għajnejja u bdejt nifhem xi ħaġa. Fhimt x'kienet dik id-dar u dawk l-irġiel jistennew barra.

L-ewwel reazzjoni tiegħi kienet li nitlaq niġri imma riġlejja ħassejthom dgħajfa. Kelli biss għoxrin

sena u mkejjen bħal dawk qatt ma kont rajthom qabel. Ma kontx baħnana għall-aħħar; kont naf li jeżistu u għalfejn kienu imma kont naf ukoll li nies tal-affari tagħhom jaħarbuhom daqslikieku kienu marda tittieħed. U jien mort hemm, proprju fil-qalba! Mur ġib jarawni ommi u missieri, jew sħabi ta' fuq ix-xogħol! Ħassejtni qisni f'ħolma kerha; ġo ħaddiela li, aktar ma tkun trid teħles minnha, aktar tiggranfak u taħkmek. Xtaqt mhux biss naħrab jien imma miegħi nieħu lil dik ix-xwejħa li, b'xi żball, wassaltha s'hemm. Hi żgur li ma kellhiex x'taqsam ma' dak it-tip ta' negozju.

Sadattant, kont għadni qisni statwa tal-melħ u ma tħarriktx minn fejn kont meta raġel minn dawk it-tlieta resaq lejja u, b'leħen ta' interess ġenwin, qalli: "Sinjorina, jekk trid lil Betty, ħabbtilha l-bieb għax il-qanpiena ma taħdimx!" Wara ftit żied: "Jekk m'intix mgħaġġla, stenniha ftit għax dalwaqt tinżel!"

Ix-xiħa ħatfitu fil-kelma: "Grazzi, iva, nistennew!" Għaraq kiesaħ xaqq għalija. Fuq il-bankina tal-faċċata, għadda pulizija. Tana daqqa t'għajn ħafifa u baqa' sejjer. Smajt ħsejjes minn ġewwa resqin lejn il-bieb li nfetaħ u deher taraġ wieqaf imdawwal b'lampa tal-ħamsa u għoxrin. Tfaċċat mara ta' madwar erbgħin sena ma' raġel li, kollu żufjett, kien qed jgħannaqha u jagħfasha miegħu. Meta qorbu u rawna, iċ-ċajt kesaħ. Ir-raġel sammarna b'ħarstu u, bla kliem u bla sliem, ħareġ 'il barra.

Il-mara resqet lejna. B'id waħda, ippruvat tillixxa xagħarha miżbugħ isfar waqt li, bl-oħra, bis-sigarett b'kollox u biċ-ċekċik ta' għadd ta' ċappetti tad-deheb, żammet il-pavru t'għonq il-libsa li, ikolli ngħid, kellha xi buttuni neqsin. Mara qasira u mġissma, wiċċha la tista' ssejjaħlu sabiħ u lanqas ikrah. Ħalqha kbir imma jidher akbar b'xuftejha miżbugħin u mċallsin kif ġie ġie. Għajnejha kbar u skuri. Ma kinitx mara sabiħa, madankollu, xħin resqet biex tkellimna, wiċċha xegħel u donnu ħa d-dawl. Għajnejha li, qabel, kont taħsibhom ċassi, kellhom leħħa ta' merħba fihom.

Ix-xwejħa qamet fuq tagħha. "Ġejt infittex lil Ġorg!" qaltilha. Mal-isem ta' Ġorġ, wiċċ Betty inbidel. Skiet għal ftit sekondi. Ix-xwejħa beżgħet li Betty ma fehmithiex u, waqt li daħħlet idha fil-basket u ħarġet flixkun żgħir, tenniet, "Ġorg marid u, jekk ma jeħux din ... " Leħinha spiċċa fix-xejn u bdiet tolfoq. "Taf fejn hu? Ilek ma tarah? Ilu ġimgħa nieqes mid-dar! Daqshekk ili nistennieh!"

Betty baqgħet issummata. Fl-aħħar, irmiet is-sigarett u, "Idħlu," qaltilna; "għaddu ġewwa!" Dħalna u għalqet il-bieb. "Jumejn ilu, tah attakk ieħor! Għadu fis-sodda; fuq!"

"Ħudni ħdejh, nitolbok!" qaltilha x-xwejħa.

"It-tabib jiġi jarah kuljum u jien nixtrilu kulma jeħtieġ. Għidtlu biex jiġi lura għandek. Anki staqsejtu jekk iridx imur l-isptar imma hu għażel li jibqa' hawn; ħdejja! Jien ma niċċaqlaqx minn hawn ġew! Dejjem hawn issibni; lejl u nhar għax lil Ġorġ inħobbu! Itilgħu ħdejh imma tantx tkellmuh u nitolbok, ma, toqgħodx tibki quddiemu!"

Jien għidtilhom li sarli l-ħin. Ix-xwejħa temtmet xi kliem ta' radd il-ħajr. Betty xtaqitni nibqa' imma jien bqajt ninsisti. Fetħitli l-bieb u ħriġt. Ma tlaqtx għax stmerrejt lil Betty jew lid-dar fqajra tagħha. Tlaqt b'sens ta' rispett. Deherli li ma kelli ebda dritt naqsam il-ferħ imdallam bil-biżgħa u n-niket imsabbar bl-imħabba meta Betty twassal lix-xwejħa ħdejn binha. Quddiem għajnejja, rajt żagħżugħ marid. Ħdejh, ommu. Hemm ukoll mara li, kull min iħares lejha, jagħraf xogħlha. Imma kemm minn dawk li jitkażaw biha jafuha sew lil Betty? Taħt dik il-qoxra ta' prostituta, hemm mara li tbigħ lilha nnifisha biex tgħajjex ir-raġel li tħobb! Ixxuttajt demgħa u mxejt. Ħassejtni xxurtjata li kont iltqajt ma' dik ix-xwejħa, u ma' Betty, ta' bieb numru 11, Triq ix-Xatt, il-Gżira.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.
Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.
Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.
Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-Website - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.
Grazzi bil-quddiem
**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sa Catherine Said (Valletta) - €40.00
Is-Sa Mary Anne De Marco (Birgu) - €10.00
Is-Sur Emidio u s-Sinjura Louise Bezzina (Msida) - €10.00
**L-Editur**




# The five people you meet in heaven

*by Vincent Piccinino*

This is the unassuming title of a fanciful little book, which I borrowed from my daughter, written by Mitch Albom and published by Hyperion in 2003. My daughter started reading the book but abandoned it half way, because it isn't exactly her cup of tea, she said. It's a novel that attempts to explore the mysteries that only heaven can unfold. I found it quite intriguing and I consider it to be the most imaginative book about the afterlife, *when all will be revealed!* I say when and not where deliberately because I now think that the afterlife (if there is one) is a time and not a place. But, what's the difference? In his famous *Theory of Relativity*, Albert Einstein argued that space and time are one and the same thing; the space-time fabric. It might be! Who knows? There are a lot of things we still don't understand about this universe in which we live.

I don't wonder that my daughter didn't like the book while I did. After all, I am seventy-eight years old while she is much younger. Perhaps, she's just not ready for it, yet. But I advised her to keep the book as I am sure that she would appreciate it more when she is, let's say, over eighty.

According to Mitch Albom, in heaven, we are supposed to meet five people. These five people may have been loved ones or even total strangers. Yet, each of them changed our life in one way or another and each one of them has something to teach us about the meaning of life on earth.

The book starts with *The end* because the first chapter deals with the tragic death of the principal character in the story. It might seem odd to start a story with an ending. And yet, says the author, all endings are also new beginnings. We just don't know it at the time.

The book has a number of morals for all of us; things which should be obvious but often aren't. To start with, our lives on this earth are all intertwined. Every action, every word we say, everything we do, even anything that we fail to do, all of these things touch other people's lives in ways that we can never imagine. There are no random acts. We are all connected to each other and you cannot separate one life from another. Even people who came before our time and things that happened before we were born affect us. Think about it!

On a similar theme, I once watched a beautiful old film, entitled *It's a Wonderful Life,* starring the great James Stewart. In the film, Stewart plays the part of a good man who, once, felt so dejected by all the ills and ingratitude of this world that, in a moment of despair, wished he had never been born. For a moment, he was lost in a terrible storm and, when he came through, he met an angel (in the guise of a white-haired, old man) who told him that his wish had been granted and that he was sent here expressly to show him how the world would be if he had, actually, never been born. He went to his town where he noticed a lot of strange things. He went to his place of work but they did not acknowledge his existence there. He went home but, once again, nobody knew him. He asked to see his younger brother but he was told that their only child had drowned in the river years before. He insisted that that couldn't be because he had jumped into the freezing river and saved him, so much so that, in so doing, he had lost his sense of hearing in one ear. But, suddenly, he realised that he was no longer half-deaf, because the rescue had never taken place, as he had never been born.

*The five people you meet in heaven* has other lessons to teach us. Firstly, things are not always what they seem and, so, we shouldn't rush to judge others without any feeling of empathy whatsoever. Secondly, we should never surrender to hatred. Harbouring anger is a poison. It eats you from inside. We think that hatred is a weapon that attacks people who harm us. But hatred is a curved blade and the harm we do, we do to ourselves. No one is born with anger and, when we pass away, the soul is freed from it.

The book sets you thinking. If a person had any way of knowing that he is about to die, he would not dare go to sleep. We do it calmly every night with a positive expectation that we would wake up again the next morning. The same with death; we shouldn't be afraid to die, not with just a simple hope but with an optimistic expectation of a resurrection some place, some time. Think of Adam's first night on earth. When he lay down to sleep, he must have thought that it was all over because he didn't know what sleep is. But it wasn't all over because Adam woke up for a new day, because every end is a new beginning. And he had something else as well. He had his yesterday. That's what heaven

is, claims the book, a time when you make sense of all your yesterdays.

One final lesson in the book is that, because our lives are all intricately linked to each other, no life is in vain and no one is useless. By his humble job as a maintenance man, taking good care of the rides in a fun park, the main protagonist of the novel affected the lives of others by keeping many people and many children safe and alive. And, in their turn, they would affect other people's lives too, because we are all connected.

The end of the story tells us how lines form at the fun park rides just as a line forms someplace else; five people, waiting for a little girl to grow and to love and to age and to die and, finally, have her questions answered; why she lived and what she lived for. And, in this latter line, is a whiskered old man who is waiting to share his part of the secret of heaven, namely, that each affects the other and the other affects the next and the world is full of stories but the stories are all one.

Faced with adversity and all the tribulations and trials of life in this world, we often ask why. Why does God allow pain, injustices and human suffering? Why is it that, sometimes, one dies and another one lives? Why me? Why does it have to be like this? "Would it spoil some vast, eternal plan, if it were otherwise?" asked the fiddler in another film. Why did no one warn me in time of the mundane consequences of my daily deeds and actions? Why? Why? Why? We may never know the answer to such philosophical questions in this life. For answers, according to Mitch Albom, heaven awaits; when, supposedly, all will be revealed by the five people you meet there. Is that true? I hope so but, of course, like all of you, I don't know. We can only speculate and, so, we just have to wait and see; if we really ever have that chance.

---

# Ninu l-pustier

***Kitba tas-Sinjura Rita Atanasio***



Ninu l-pustier kien raġel qsajjar, ma fih xejn, kien ħafif u, fuq kollox, bieżel. Kien jgħix f'raħal ċkejken fejn kien ilu għal żmien twil jaqdi n-nies t'hemmhekk. Ma kontx tistaqsih għal xi triq jew xi sqaq li ma kienx jgħidlek kulma tkun trid taf mingħajr dewmien għax ir-raħal Ninu l-pustier kien jafu, tista' tgħid, bl-amment. Kont tilmħu ġej b'dik ir-rota qadima li kellu, bil-barżakka mimlija ittri. Kont tarah iserrep fit-triq minn kantuniera għall-oħra, minn ħajt għall-ieħor, iħabbat bieb bieb, inewwel dik l-ittra lil dawk li jkunu ħerqana jistennew mingħand uliedhom jew qrabathom li jkunu emigraw 'il bogħod minn xtutna, jew inkella mingħand xi nutar li jkun irid ikellimhom fuq xi wirt.

Fi żmien il-Milied, in-nies tar-raħal kienu jistennew lil Ninu l-pustier bil-ħerqa. U dan mhux biss biex itihom l-ittri u l-kartolini, imma biex jitilqulu dik ix-xi ħaġa tal-flus f'idejh b'radd ta' ħajr ta' kemm kien qdihom matul is-sena kollha.

Xi wħud kienu anki jdaħħluh fl-intrata u jtuh xi grokk flimkien ma' xi biċċa kejk tajba. Ninu kien japprezza kemm kienu jħobbuh in-nies tar-raħal. Huwa kien ilu snin twal hemmhekk u kien hemm xi whud li anki kienu jsejħulu s-Sur Nin għax, għalihom, li wieħed ikun jaf jaqra u jikteb, kien qisu xi filosfu. In-nies tar-raħal kienu jirrispettawh lil Ninu l-pustier għax mhux darba jew tnejn kien jieqaf bil-paċenzja kollha biex ifissrilhom dak li jkun hemm miktub f'xi ittra jew f'xi formola tal-Gvern li jkunu rċevew. Il-biċċa l-kbira tan-nies tar-raħal ma kinux jafu jaqraw u jiktbu u, għaldaqstant, lil Ninu kienu jqisuh daqslikieku kien xi ġenju.
Kif il-barżakka tal-ittri tibda teħfief, ikun ifisser li qorob nofsinhar. Ninu kien ipoġġi r-rota maġenb ir-remissa ta' Sidor tal-imbid u kien jidħol fil-ħanut biex jitrejjaq b'xi ftira mħawwra bil-basal, bil-kappar, biż-żebbuġ u xi biċċa ġbejna tal-bżar. Wara, kien iniżżel dik il-qatra mbid tal-għenba mill-itjeb li Sidor kien jagħsar mill-għeneb tiegħu stess. Lil Sidor, kulħadd kien ifittxu għall-imbid bnin u ħelu li kien jaf jagħmel.

Anki t-tfal tar-raħal kollha drawh lil Ninu u kienu jħobbuh ukoll u spiss kienu jieqfu jkellmuh. Irridu ngħidu wkoll li mhux l-ewwel darba li, miegħu, kien jieħu xi borża ħelu biex ikun jista' jqassamulhom. Ninu minn dejjem kien qalbu tajba u, għalhekk, kulħadd kien iħobbu.

Illum, Ninu l-pustier beda jħossu għajjien u ż-żmien lanqas jaf kif għadda minn fuqu. Riġlejh m'għadhomx li kienu. Meta jkun id-dar, arah jintasab fuq siġġu tas-soda ħdejn l-antiporta u hemm joqgħod jaqra l-gazzetta. Imnalla li għandu lil oħtu, ftit iżgħar minnu, li għażlet li tibqa' xebba, u tieħu ħsiebu hi għax kieku kien jisfa waħdu filwaqt li, magħha, ħuha Ninu ma jonqsu assolutament xejn.



# Investiment li jrendi

*Novella ta' Anthony Said mill-Furjana*

Saver u Marianna ma kellhom ebda nkwiet fi xjuħithom għajr dak li jiġi maż-żmien; artrite, pressjoni tilgħab u xi ftit uġigħ 'l hawn u 'l hinn. Xejn ta' barra minn hawn. Imma, jum wieħed, feġġ għawġ mhux mistenni. Investiment li kellhom bin-naqra li kienu ġemmgħu mar ħażin. Għalhekk, Saver ċempel lin-neputi tiegħu, Charlot, li kien *accountant*.

"Bonġu, zi. Kif int dalgħodu?" qallu n-neputi b'leħen akkoljenti.

"Ħażin ħafna, Charlot," wieġbu Saver.

"Għala zi? X'ġara?" reġa' staqsa Charlot.

"Għadni kemm tlift sitt elef ewro fuq l-investiment li għandi." qallu l-anzjan.

"Eh, jien għidtlek biex noħodlok ħsiebu jien zi, imma int rasek iebsa u aktar tafda lill-barranin milli lil ta' ġewwa," qallu Charlot.

"Jien mingħalija li mort għand espert; *FT Invest*!" tenna z-ziju. "Ġabuni sew! Basta kollhom uffiċini moderni u *computers*!"

"Ħa ngħidlek zi, lil *FT Invest* ma nafhomx u qatt ma smajt bihom!" qallu Charlot. "Nhar il-Ġimgħa, niġi nkellmek u, imbagħad, ħudni għandhom u naraw. Tajjeb hekk?"

"Jekk tista', nirringrazzjak," qallu l-anzjan, "għax jien ma nafx kif ser naqbad ngħidilha lil Marianna li tlifna dawk il-flus kollha!"

Il-Ġimgħa filgħodu, Saver ma kellux sabar jistenna u ddeċieda li jmur ikellem lid-direttur tal-*FT Invest*. Meta wasal, ra xi ħaġa li ssummatu. Ħiereġ mill-bieb ta' *FT invest*, ra lil Charlot li, jumejn qabel, qallu li qatt ma sema' bihom. Saver malajr xamm xi ħaġa tinten. Staħba wara karozza, poġġa bilqiegħda fuq tarġa ta' bieb, ħalla xi kwarta tgħaddi u daħal l-uffiċju.

"Għandi bżonn inkellem lis-sur Farrugia, sinjorina," qal Saver lir-*receptionist*.

Dak il-ħin, is-Sur Farrugia nzerta ħareġ mill-uffiċju u, malli ra lil Saver, instaram u wiċċu bjad.

"Hawn das-sinjur irid ikellmek Sur Farrugia," qaltlu t-tfajla.

"Ejja fl-uffiċju tiegħi," qallu s-Sur Farrugia b'leħen imqit.

"Għadu kemm kien hawn in-neputi, Charlot," qal Saver bla tlaqliq. "Fuqiex tkellimtu?"

"Jiddispjaċini, Sur Bonello, imma jien ma nistax ngħidlek dak li nkun iddiskutejt ma' klijenti oħrajn," qallu s-Sur Farrugia.

"Lanqas jekk dak li tkellimtu fuqu jikkonċerna lili?" staqsa Saver li kien qisu vulkan ser jisbroffa.

"Dak li tkellimna fuqu ... " beda jgħidlu d-direttur, imma ma kompliex għax l-anzjan qam bis-salt minn fuq is-siġġu, dar mal-iskrivanija u ħatfu minn għonqu.

"Issa ser tgħidli eżatt għala ġie hawn in-neputi meta, jumejn ilu, lili qalli li qatt ma sema' bikom," għajjat Saver waqt li, b'idejh, beda jagħfaslu l-vini t'għonqu, "imma jidher li intom tafuh sew!"

"Ħallini ... ajma .... qed tifgani ... " qallu d-direttur b'għajnejh magħsurin, bi snienu mheżża u bl-għaraq itir minn wiċċu.

"Ejja, ja imbruljun; għidli fuqiex tkellimtu!" insista Saver li kompla jagħfaslu gerżumtu. "Tkellem għax ħażin għalik jekk ma tgħidlix!"

"Orrajt ... orrajt ... ngħidlek ... imma ħallili għonqi ... għax se tifgani!" laqlaq is-Sur Farrugia li nduna li Saver ma kienx ser jitilqu qabel ma jtarraflu kollox. Għalhekk, minkejja li bilkemm seta' jitkellem, is-Sur Farrugia qal lil Saver bil-pjan dijaboliku li Charlot u hu kienu ftiehmu fuqu biex in-neputi jiskappriċċa lil zijuh. Kien hawn li Saver telaq lis-Sur Farrugia li beda jogħrok għonqu u jqaħqaħ għax kien għoddu faga. Qabel ħareġ, Saver wissieh biex ma jitkellem ma' ħadd dwar dak li ġara.

F'nofsinhar, wasal Charlot, kunfidenti, bil-bagalja f'idu u bi tbissima fuq wiċċu. "Ħalli nibbrifjak qabel immorru, zi," qal lil zijuh. "Inti taf li investiment mhux dejjem imur tajjeb; daqqa jogħla u daqqa jinżel. Trid tkun taf x'qed jiġri u, allura, aħjar ikollok lil xi ħadd li jifhem, mhux hekk?"

"Int donnok tifhem, hux, Charlot," qallu z-ziju, "għax int *accountant*. Fil-fatt, qed niskanta kif ma tafhomx lil *FT Invest* għax, dalgħodu, rajtek ħiereġ mill-uffiċju tagħhom!" qallu b'ton imqit Saver. In-neputi ssomma.

"Kellimt lis-Sur Farrugia u qalli kollox," kompla l-anzjan, kif ra li l-ieħor baqa' bla kliem. "Qalli li l-investiment tiegħi mhux talli m'għamilx telf imma kważi rdoppja fil-valur. Minflok telf ta' sitt elef ewro, għamilt qliegħ ta' dsatax-il elf, Sur *accountant*!"

"Dak mhux suppost qallek dawn l-affarijiet," qallu n-neputi rrabjat. "Dik informazzjoni kunfidenzjali! Ittradieni, ja ġakbin li hu!"

"Mhux eżatt," tenna Saver, "għax, fil-fatt, ipprova jżomm kollox siġriet, miskin, imma jien għafastlu daqsxejn il-ġewża t'għonqu sakemm l-informazzjoni kunfidenzjali ħarġet minn ħalqu!"

"Orrajt, zi! Lest nagħtik il-valur oriġinali kollu tal-investiment tiegħek. Hekk ma tkun tlift xejn, eh, xi tgħid zi?" qallu Charlot.

"M'intix wiċċek tost ukoll!" għajjat Saver li ma setax

jemmen li neputih kien daqshekk ħalliel. "Jien il-flus kollha rrid; disgħa u tletin elf, Charlot, għax dawk tiegħi. Int m'għamilt xejn ħlief ippruvajt timbruljani!"

"Jien ma nimbrolja lil ħadd," qal l-*accountant* kollu rabja u suppervja. "Għax ma tgħidx li int qammiel u trid iżżomm kollox għalik?"

Għal dal-kliem, Saver tilifha u lagħablu daqqa ta' ponn ġo nofs geddumu. Charlot ma rahiex ġejja u, bl-impatt, qabeż żewġ piedi lura u nstabat mal-art. "Kris, Nicky, tistgħu tiġu," għajjat Saver u, minnufih, żewġ ġuvnotti, kuġini ta' Charlot, tfaċċaw mill-kċina.

"Illallu kif ħallejtu stordut għall-festi, zi!" qal Nicky hekk kif ra lil kuġinuh stirat f'nofs is-salott.

"Għamluli pjaċir," qalilhom zijuhom waqt li ħareġ iċ-ċavetta tal-karozza mill-but ta' Charlot, "oħorġuli dal-biċċa mbarazz minn hawn u ħuduh fil-karozza tiegħu!" Iż-żewġ kugini qabdu lil Charlot, ġarrewh 'il barra u tefgħuh fil-karozza. Ftit ħin wara, waslet Marianna minn barra. Saver ma qalilha xejn imma, kif waslu l-flus mill-bejgħ tal-investiment, taha sorpriża; *cruise* ta' ġimgħa qalb il-fjordi Norveġiżi. Tassew li kien investiment li rrenda!

---



# Mid-dar għall-isptar u lura

Kitba ta' Karmenu Mallia

U mela! Tliet kelmiet li, hekk kif taqrahom, nistħajjilkom tgħidu: "Issa? Allura? Hawn tant nies li jagħmlu hekk!" Iva, imma, fil-każ tiegħi, huma hekk marbutin flimkien li jifformaw triloġija għalihom. Veru, ma jixbhux it-triloġija li ppubblikatli l-BDL snin ilu taħt l-isem: "Patrijotti u Ġakbini", fejn il-ġrajjiet jiġru taħt il-ħakma tat-tliet Gran Mastri, Pinto, Ximenes u Hompesch. Proprjament, dawn huma tliet rumanzi għal kollox differenti u indipendenti minn xulxin. Li jgħaqqadhom fi Triloġija huma t-tliet Gran Mastri.

Forsi tgħidu: "Imma dan x'għandu x'jaqsam mad-dar u l-isptar u lura?" Għandu u m'għandux. Imma ħa nibda l-istorja miċ-ċentru ta' Pariġi fejn, darba, qattajt sitt xhur fuq *scholarship* mogħti mill-Gvern Franċiż u għad għandi ħajra kbira li nerġa' nżur dik il-belt. Imma l-ewwel irrid nara ż-żmien x'parir jagħtini.

Mhux l-ewwel darba li kont mort Pariġi. Snin qabel, qattajt tliet snin mill-isbaħ ta' ħajti fin-nofsinhar ta' Franza nistudja l-filosofija u, minn hemm, spiss kont nitla' sal-kapitali. Fiċ-ċentru ta' Pariġi, hemm post jismu *Avenue des Champs-Élisées*, bejn *Place de la Concorde* u *Place Charles de Gaulle* fejn hemm l-*Arc de Triomph*. Post storbjuż veru, imma meraviljuż u tal-ġenn. Spiss kont immur hemm, jew nikteb xi ittra jew noqgħod naqra xi ftit. Darba fost l-oħrajn, resaq maġenbi xwejjaħ, ħares lejja b'mod kurjuż, ipponta sebgħu u qalli: "Int m'intix Franċiż!"

Ma stajtx ngħidlu iva; kien żgur jinduna għax, għalkemm Franċiż kont naf sew, xorta tinqabad għax l-aċċent jikxfek. Imbagħad ħasadni għax staqsieni jekk qattx kont l-isptar. Jien tbissimt u għedtlu: "Tgħid mhux kulħadd, xi darba jew oħra, ikollu jmur l-isptar?"

"Hemm int! Taqbel miegħi! Jien, f'għaxar snin, kelli mmur darbtejn." U beda jirrakkontali bil-paċenzja kollha. Billi ma kellix x'nagħmel, irraġunajt li, billi nħallih jiftaħ qalbu megħi, ma nitlef xejn. Karità mal-proxxmu; mhux hekk?

Ix-xwejjaħ inxteħet bilqiegħda ħdejja. "Daqs tmien snin ilu," qalli, "kont id-dar waħdi, għax il-mara ħarġet tixtri u, f'daqqa waħda, saqajja l-leminija ċediet u ħassejt uġigħ kbir; qisu xi ħadd beda jitfagħli l-vleġeġ. X'nagħmel? Għal mument, moħħi ħassejtu vojt. Imbagħad qbadt il-*mobile* u ċempilt lill-mara u lit-tfal. Kieku malajr ġew jaħasra! Avolja, biex issuq fit-toroq ta' Pariġi trid il-ħin. Biex ma ntawwalx," komplieli, "kelli ngħaddi minn operazzjoni tas-*slipped disc* u bqajt inbati bl-uġigħ in-naħa t'isfel ta' dahri sal-lum. U issa kelli ngħaddi minn oħra."

"Jaqaw?" għidtlu jien biex inkompli miegħu.

U x-xwejjaħ baqa' jirrakkonta: "Ftit ilu, il-mara talbitni nġibilha kikkra ċikkulata sħuna. Mela jien u riesaq lejha bil-kikkra f'idi, ħassejtni ninqata' mill-art u ntir għan-naħa l-oħra tal-kamra. Il-kikkra taret minn idejja u jien waqajt fuq ix-xellug tiegħi imma, ħaġa tal-iskantament, fuq ix-xellug ma ħassejt xejn. Dak li ħassejt kien fuq il-lemin, fejn ma ħbattx! U erġajna. Iġri iġri għall-isptar. Ambulanza u ma damux ma reġgħu operawni. Min operani spjegali li l-għadma tal-koxxa l-leminija faqqgħet meta kont għadni bilwieqfa u għalhekk waqajt. Imbagħad," kompla x-xwejjaħ, "beda martirju ieħor għax ridt nagħmel it-terapija. Sagrifiċju imma, mingħajrha, ma tagħmilx progress. Ma nafx kemm ili sejjer hekk; mid-dar għall-isptar u lura!"

Għalhekk mid-dar għall-isptar u lura imma se jkolli nieqaf hawn għax dak ix-xwejjaħ ħallieni bla kliem u bla sliem. Lanqas sellimli jew qalli s-soltu, "*Au revoir!*" Għalfejn? Imma ma jimpurtax. Il-Bambin miegħu! U magħkom ukoll. Xejn ma ngħidilkom ħbieb anzjani, ma nintelqux għax inkella nixjieħu qabel il-waqt; mhux hekk?



# TISLIBA Nru.114

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Id-.....jitwieled miegħek (6)
5. Għadda minn operazzjoni (6)
10. Ilwien blu bħal tas-sema bla sħab (3)
12. Nieqsa mis-smiegħ (5)
14. Arroganti; Wiċċu tost (5)
15. L-iktar xahar (4)
16. Nota mużikali (2)
17. Għandu l-ħila; Kapaċi (5)
19. Karba minn kelma (5)
22. Miksija b'folja tad-deheb (8)
24. Ħares lejh (3)
25. Tat-tarf; Tal-aħħar (6)
28. Tintuża biex jitkebbsu x-xemgħat (5)
31. Skarga tir (5)
33. Terribbli; Li jaħsdek (7)
35. L-isem tiegħek (5)
37. Sadattant; Limitu ta' (2)
38. Grad anqas minn kaptan (6)
39. Vaganza (5)

**Weqfin:**
2. Skansa; Sab skuża (5)
3. Frotta ratba tajba (4)
4. Dawn ġejjin minn naħa ta' fuq l-Ewropa (7)
6. Quddiem tal-opri tal-baħar (5)
7. Ġusti; Kapaċi; Kompetenti (6)
8. Ħelsien mill-kastig (6)
9. Isem ta' raħal jew kunjom (6)
11. *Internal Revenue Service* (1.1.1)
13. *Referee* (7)
18. Wieħed mis-sagramenti (4)
20. Dak li jnaqqas il-ħelsien (7)
21. Id-dinja; Tista' tibni fuqha (3)
23. imħoll f'idejn ir-rieda ta' Alla (9)
26. Is-sengħa tad-daqq; Kanta (6)
27. Bastonċin li juri s-setgħa ta' Re (6)
29. Bl-amment; Kif ġie ġie (6)
30. Xejra; Dehra; Xeħta (6)
32. Driegħ Ingliż! (3)
34. Ġuże Mercer (5)
36. Ilvant (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' Đ10.
Il-Premju għat-tisliba numru 113 intrebaħ mis-Sinjura A. Schiberras – Mosta, Prosit!

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 113**

**Mimdudin:** 1. rigal, 5. ċraret, 10. mea, 12. arbli, 14. aħħar, 15. leħħ, 16. eħ, 17. appik, 19. naħqa, 22. nawfraġi, 24. rat, 25. beltin, 28. umani, 31. nejba, 33. tikmixa, 35. fende, 37. af, 38. armier u 39. aruka.
**Weqfin:** 2. iblah, 3. alma, 4. isaħħan, 6. rabba, 7. tabakk, 8. karlin, 9. ġarrew, 11. eħe, 13. impaġna, 18. patt, 20. hrejjef, 21. qal, 23. rtukkatur, 26. nahlef, 27. astratt, 29. isaqqi, 30. insara, 32 ann, 34. ibnek u 36. dar.



# Żbalji postali

## *Sensiela mal-Gozo Philatelic Society b'kitba ta' Antoine Vassallo Anonimi*







Fost l-iżbalji filateliċi, mhumiex neqsin dawk il-bolol li jinsew jiktbulhom l-isem tal-pajjiż li ħariġhom. Imma, irrid infakkar li, peress li l-invenzjoni tal-bolli bdiet mill-Ingilterra fl-1840, il-bolli tal-Gran Brittanja għandhom il-"privileġġ" li, flok l-isem, juru bust, jew xi ħaġa simili, tar-Re jew tar-Reġina, skont min ikun is-sovran dak iż-żmien.

Nibda b'eżempju mill-Moldova, pajjiż ex-Sovjetiku li anki nsejħulu l-Moldavja. F'Jannar tal-2021, riedu jiċċelebraw iċ-ċentinarju mit-twelid ta' Valeriu Gafencu li, wara ħajja deskritta bħala ta' nisrani konvint, miet fl-1952 fil-ħabs tar-reġim. Tqabbdet id-disinjatriċi Elena Karachentseva imma, probabbli mhux ħtija tagħha, tħalliet barra l-kelma Moldova. Il-biċċa solvewha billi reġgħu ħarġuha korretta sitt xhur wara.




Soluzzjoni totalment differenti kienu għażluha l-Lussemburgu meta ħarġulhom żewġ bolli mingħajr l-isem fis-sena 2017. Dawn iffurmaw is-sett annwali "Europa" li dik is-sena kellu t-tema tal-palazzi jew kastelli u għażluhom prominenti sew.




Waħda kienet turi dak ta' Beggen li nbena fl-1895 u sar l-ambaxxata tar-Russja. L-oħra wriet dak ta' Dommeldange, eventwalment l-ambaxxata taċ-Ċina. Hemm min qal (b'ċajtha jew le ma nafx) li ma wrewx l-isem tal-pajjiż peress li, teknikamant, ambaxxata hija territorju barrani. Imma dan ma kienx intenzjonat għax, ftit ġimgħat wara, dawn il-folji ġabruhom kollha lura. Allura, nimmaġina li dan kien, proprjament, riżultat ta' nuqqas ta' attenzjoni min-naħa tad-disinjatur, Ben Carter, jew tal-istamperija (fil-Belġju).




Immorru f'pajjiż ieħor Ewropew. Għall-Milied tal-1995, il-Portugal għażlu li juru l-Arkanġlu Gabriel, disinn gustuż ta' Luis Filipe de Abreu. Din il-bolla teżisti f'żewġ versjonijiet: waħda bl-isem fil-fidda bil-kemm jidher isfel (jew saħansitra rasu 'l isfel bi żball) u oħra anonima.




U nagħlaq bil-Ġnus Magħquda li joħorġu settijiet fi tliet tipi (għal New York bl-Ingliż, għal Ġinevra bil-Franċiż u għal Vjenna bil-Ġermaniż).

Għas-Sena tal-Foresta 2011, is-settijiet jidhru bla riferenza għall-*United Nations* fil-lingwi kollha. Imma, jekk ikollok l-apparat neċessarju, tiskopri li s-simbolu tal-Ġnus Magħquda (li nafuh ilkoll) tista' tarah għax stampat b'metodu fosforexxenti għal skopijiet ta' sigurtà. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, ammettew li l-intenzjoni oriġinali kienet li l-isem, fil-fatt, kellu jkun stampat b'linka normali wkoll.









# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



**Claude Monet 1840 – 1926**

Claude Monet huwa meqjus bħala l-fundatur tal-Impressjoniżmu (il-prekursur tal-arti moderna) speċjalment għal mod kif kien ipinġi n-natura kif kien jaraha hu. Twieled Pariġi fl-14 ta' Novembru tal-1840. Minn ċkunitu, wera t-talenti artistiċi tiegħu u, ta' ħmistax-il sena, kien diġà jaqla' l-flus billi jpinġi karikaturi, u saħansitra anki *portraits*, ta' nies li kienu jafuh.



Matul il-gwerra Franco-Prussjana, kien jgħix Londra u l-Olanda, biex ma jinqabadx bil-lieva. F'Londra, kien impressjonat kif Joseph Turner ittratta d-dawl, b'mod speċjali fil-kwadru li juri ċ-ċpar fuq ix-xmara *Thames*.

Claude Monet sar ossessjonat bid-dawl. Infatti, għamel id-dawl bħala ċ-ċentru tax-xogħlijiet tiegħu. Ried juri kif id-dawl jibdel il-kulur u, allura, dan jibdel anki l-perċezzjoni tar-realtà. Minħabba li d-dawl u t-temp jinbidlu, kemm minn ħin għal ħin matul il-jum kif ukoll minn staġun għal ieħor, huwa kien ipinġi l-istess xena għal ħafna drabi f'ħinijiet u fi żminijiet differenti biex ikun jista' jaqbad din il-bidla kemm fid-dawl u d-dellijiet u anki dik li tiġri mal-mogħdija tal-istaġuni. Minħabba f'hekk ukoll, spiss kien jaħdem fuq *canvases*, differenti; ġieli anki fuq tmienja fl-istess waqt.



Il-kelma 'Impressjoniżmu' ġiet mill-isem ta' pittura tiegħu, *Impression, soleil levant*, li huwa għamel u esebixxa fis-sena 1874. Il-konservattivi kienu kritiċi ħafna u kienu jqisu din it-tip ta' tpinġija bħala xi ħaġa mhux spiċċata.

Fl-1883, Monet kera dar ġewwa *Giverny*. Din kienet dar kbira u sabiħa bi ġnien li kien fih minn kollox u, għal snin, id-dar u l-ġnien kienu l-mottiv prinċipali tat-tpinġijiet tiegħu; speċjalment il-ġnien li, għal erfbgħin sena sħaħ, kien għalih l-ikbar sors ta' ispirazzjoni. Kien jieħu ħsiebu b'reqqa kbira tant li, fi żmien minnhom, kellu jaħdmu għalih xejn inqas minn seba' ġardinara.

Fl-1899, beda jpinġi l-famużi *Water Lilies*, xogħol li okkupah kontinwament għal għoxrin sena. Infatti, dawn kienu l-aħħar serje ta' tpinġijiet, u l-aktar ambizzjużi, ta' ħajtu. Immaġinaw; għamel iktar minn mitejn u ħamsin minnhom.

Imma mhux kollox kien ward u żgħar għax, minkejja żminijiet ta' ċerta affluenza, hija tassew ħasra li Monet għadda ħafna minn ħajtu bil-kredituri jiġru warajh biex iħallashom il-flus li kienu silfuh. Hija ironika wkoll li bosta minn dawn l-artisti, inkluż Claude Monet, għaddew il-biċċa l-kbira minn ħajjithom kważi fil-faqar biex imbagħad, wara mewthom, il-kwadri li ħallew warajhom bdew iġibu l-miljuni u jsibu ruħhom fl-aqwa mużewijiet tad-dinja. Fl-2004, pittura ta' Monet bl-isem ta' *London, the Parliament; effects of Sun in the Fog* inbiegħ għal aktar minn għoxrin miljun dollaru Amerikan. U, fl-2008, kwadru mis-sensiela tal-*Water Lilies* inbiegħ b'irkant u ġab aktar minn tmenin miljun dollaru.



Kwadru tiegħu msejjah *La Grenouillére* tal-1869 jinsab fil-*Metropolitan Museum of Art* fi *New York* filwaqt li *La Plage de Trouville* tal-1870 qiegħed fin-*National Gallery* ta' Londra.

Intant, għall-ħabta tal-1913, Monet beda jitlef mid-dawl t'għajnejh. Minħabba f'hekk, fis-snin ta' wara, il-perċezzjoni tiegħu tal-kuluri batiet u l-pitturi tiegħu ta' din l-epoka huma xi ftit iktar skuri. Beża' jagħmel l-operazzjoni tal-katarretti u, minflok, biex jirmedja, beda jikteb l-ismijiet tal-kuluri fuq l-istoċċijiet taż-żebgħa biex ma jħallathomx, beda jżomm il-kuluri fuq il-paletta tiegħu b'ċerta ordni stretta u anki jilbes kappell tat-tibna biex jilqagħlu r-raġġi tax-xemx. Eventwalment, fl-1923, sab il-kuraġġ biex jagħmel l-operazzjoni u, meta reġa' beda jara l-kuluri sew, ħassar u rranġa kemm-il tila li kien pinġa qabel għamel l-operazzjoni.



Claude Monet miet b'kanċer fil-pulmun fil-5 ta' Diċembru tal-1926 fl-età ta' sitta u tmenin sena. Fil-funeral, il-ħabib tiegħu *Clemenceau* neħħa l-faldrappa sewda minn fuq it-tebut għax qal li Monet ma kienx iħobbu l-iswed u, minflokha, għamel biċċa drapp iffjurita.